



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0028/2023**

9.2.2023

**\*\*\*I**

# **RAPPORT**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar  
Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023  
(COM(2022)0526 – C9-0344/2022 – 2022/0326(COD))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Loucas Furlas

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	50
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.....	51
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	57
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	58



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023  
(COM(2022)0526 – C9-0344/2022 – 2022/0326(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0526),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 149 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0344/2022),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' ... <sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' ... <sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0028/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>2</sup> Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

**Emenda 1**  
**Proposta għal deċiżjoni**  
**Premessa 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati **hija** kruċjali biex jiġu żgurati tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali soċjalment ekwi u ġusti, u biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza sostenibbli tal-Unjoni fid-dawl ta' xokkijiet esterni negattivi bħall-pandemija tal-COVID-19 jew il-konsegwenzi tal-gwerra tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. ***Iktar ħiliet u ħiliet li jkunu aħjar jiftħu opportunitajiet ġodda u jagħtu s-setgħa lill-individwi biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol, fis-soċjetà u fid-demokrazija, biex jisfruttaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.***

**Emenda 2**  
**Proposta għal deċiżjoni**  
**Premessa 1a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1a) ***L-ispariġġi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħiliet huma, fost oħrajn, l-isfidi ewlenin li l-Unjoni qed tiffaċċja bħalissa. Teżisti l-ħtieġa li jiġu offruti edukazzjoni u taħriġ f'oqsma marbuta ma' ħiliet li jiġu identifikati fis-swieq tax-xogħol u f'setturi orjentati lejn il-futur biex jingħeleb in-nuqqas ta' ħaddiema fid-dawl tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Iktar ħiliet u ħiliet li jkunu aħjar, ħiliet tekniki u ħiliet personali, għarfien u kwalifiki, kemm jekk miksuba f'ambjenti formali, mhux formali jew informali, jiftħu opportunitajiet ġodda u jagħtu s-setgħa lill-individwi biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol, fis-soċjetà u fid-demokrazija, biex jisfruttaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u***

*Emenda*

(1) ***Nies b'ħiliet li permezz tagħhom ikunu jistgħu jipparteċipaw f'soċjetà demokratika u jfittxu li jiksbu l-iżvilupp personali tagħhom, kif ukoll*** forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati ***u l-eżistenza ta' impjiegi ta' kwalità, huma*** kruċjali biex jiġu żgurati tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali soċjalment ekwi u ġusti, u biex jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza sostenibbli tal-Unjoni fid-dawl ta' xokkijiet esterni negattivi bħall-pandemija tal-COVID-19 jew il-konsegwenzi tal-gwerra tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.

*Emenda*

*biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 1b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1b) Strateġija ta' ħiliet effiċjenti u komprensiva jenħtieġ li tiġi kkombinata mal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u ma' politiki favur iż-żamma ta' tali impjiegi. Spiss wisq, l-ispariġġi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħiliet ikunu fil-fatt ir-riżultat ta' pożizzjonijiet ta' impjiegi mhux attraenti u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f'uħud mis-setturi. Skont l-istħarriġ Ewropew dwar il-ħiliet u l-impjiegi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), madwar 45 % tal-ħaddiema adulti fl-Unjoni jemmnu li l-ħiliet tagħhom jistgħu jew jiġu żviluppati aħjar inkella jintużaw aħjar fuq il-post tax-xogħol. Fl-istess ħin, 70 % tal-impriżi jbatu minn nuqqas ta' ħiliet iżda ftit minnhom jorbtu dan in-nuqqas mal-ostakli li huma joħlqu biex isibu ħaddiema tas-sengħa, bħal problema ta' reklutaġġ, il-post ġeografiku tal-impriża, il-livell tas-salarju u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. L-offerta ta' pagi deċenti, kuntratti tax-xogħol stabbli, bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, taħriġ regolari u żviluppi attraenti fil-karriera huma importanti daqs strateġiji ta' ħiliet komprensivi biex jipprovdu lill-impriżi fl-Unjoni b'forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati.*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 1c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1c) Jenħtieġ li jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni tal-Unjoni dwar is-saħħa mentali biex jindirizza l-kriżi dejjem tikber tas-saħħa mentali fost il-popolazzjoni tal-Unjoni, b'appoġġ speçifiku għal edukazzjoni u taħriġ transsettorjali xierqa dwar is-saħħa mentali.*

## Emenda 5

### Proposta għal deçizjoni

#### Premessa 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Fl-Unjoni kollha, ***il-kumpaniji*** jirrapportaw diffikultajiet biex isibu ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa. Fl-2021, 28 professjoni ġew ikklassifikati bħala li kellhom nuqqasijiet, inklużi s-setturi tal-kura tas-saħħa, tal-ospitalità, tal-kostruzzjoni u tas-servizzi, ***flimkien ma'*** nuqqasijiet ta' speçjalisti tal-IT u tas-sigurtà, b'mod partikolari esperti taç-çibersigurtà, u ħaddiema bi sfond xjentifiku, teknoloġiku, tal-ingerija u tal-matematika<sup>22</sup>. L-akbar restrizzjoni għal tranżizzjoni diġitali u ekoloġika ta' suçess hija ***dejjem aktar in-nuqqas ta' ħaddiema bil-ħiliet it-tajba. F'ħafna Stati Membri, it-tixjiħ demografiku huwa mistenni li jaççellera matul id-deçennju li ġej hekk kif il-koorti tal-"baby boom" jirtiraw, u jiżdied il-bżonn li jsir użu mill-potenzjal sħiħ tal-adulti kollha fl-età tax-xogħol permezz ta' investimenti kontinwi fil-ħiliet tagħhom kif ukoll permezz tal-attivazzjoni ta' aktar persuni, b'mod partikolari n-nisa u ż-żghażaġh speçjalment daww barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs).***

##### *Emenda*

(2) Fl-Unjoni kollha, ***l-impriżi*** jirrapportaw diffikultajiet biex isibu ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa ***filwaqt li għal ħafna ħaddiema huwa diffiçli li jsibu impjeg ta' kwalità li jaqblu mal-livell tal-ħiliet u tal-kwalifiki tagħhom.*** Fl-2021, 28 professjoni ġew ikklassifikati bħala li kellhom nuqqasijiet, inklużi s-setturi tal-kura tas-saħħa, tal-ospitalità, tal-kostruzzjoni u tas-servizzi, ***minbarra li hemm*** nuqqasijiet ta' speçjalisti tal-IT u tas-sigurtà, b'mod partikolari esperti taç-çibersigurtà, u ħaddiema bi sfond xjentifiku, teknoloġiku, tal-ingerija u tal-matematika ***kif ukoll speçjalisti li jistgħu jappoġġaw l-adattamenti soçjetali għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali<sup>22</sup>. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-setturi tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-ingerija u tal-matematika kif ukoll fis-settur tal-intelliġenza artiçjali sabiex jiġi żgurat li aktar nisa jidħlu f'daww is-setturi, filwaqt li jiġu miġġielda wkoll l-isterjotipi prevalenti, jiġu rikonnoxxuti l-ħiliet intraprenditorjali tan-nisa u b'hekk jiġu promossi t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-indipendenza ekonomika tagħhom. Dejjem aktar, l-akbar restrizzjoni għal tranżizzjoni diġitali u tranżizzjoni ekoloġika ta' suçess hija n-nuqqas ta' offerti ta' impjeg ta' kwalità b'pigi u kundizzjonijiet tax-xogħol deçenti, li jistgħu jirriżultaw, flimkien ma'***



*raġunijiet oħra, fin-nuqqas ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati. Skont is-Cedefop, 45 % tal-ħaddiema jaħsbu li l-ħiliet tagħhom ma jaqblux bis-sħiħ mal-impjieg li jwettqu, filwaqt li 70 % tal-impriżi jbatu minn nuqqas ta' ħiliet iżda f'it minnhom jorbtu dan in-nuqqas mal-ostakli li huma jgħolqu biex isibu ħaddiema tas-sengħa, bħall-proċessi ta' reklutaġġ, il-post ġeografiku, il-livelli tas-salarju u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.*

---

<sup>22</sup> L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, Rapport dwar in-nuqqas u l-eċċess ta' ħaddiema fl-2021 u l-ENISA, l-iżvilupp tal-ħiliet fil-qasam ta' ċibersigurtà fl-UE, Marzu 2020. L-istudji tal-ENISA jidentifikaw li hemm lakuna ta' 291 000 professjonist fi' ċibersigurtà.

---

<sup>22</sup> L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, Rapport dwar in-nuqqas u l-eċċess ta' ħaddiema fl-2021 u l-ENISA, l-iżvilupp tal-ħiliet fil-qasam ta' ċibersigurtà fl-UE, Marzu 2020. L-istudji tal-ENISA jidentifikaw li hemm lakuna ta' 291 000 professjonist fi' ċibersigurtà.

## Emenda 6

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 2a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) F'ħafna Stati Membri, it-tixjiħ demografiku huwa mistenni li jaċċellera matul id-deċennju li ġej hekk kif il-koorti tal-"baby boom" jirtiraw, u dan isaħħaħ il-ħtieġa li jsir użu mill-potenzjal sħiħ tal-adulti kollha fl-età tax-xogħol permezz ta' investiment kontinwu fil-ħiliet tagħhom kif ukoll billi jiġu mmotivati aktar persuni f'dan ir-rigward, b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażaġh, persuni barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), persuni b'diżabilità, persuni bi bżonnijiet speċjali, persuni minn ambjenti żvantaġġati u persuni li jgħixu f'żoni remoti. F'dak ir-rigward, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u aċċess għal sistemi tas-sigurtà soċjali, servizzi soċjali ta' kwalità u ambjent ta' għajxien attraenti se jkollhom rwol saħansitra aktar prominenti biex jattiraw u jżommu l-*

*ħaddiema tas-sengħa. It-tisħiħ tal-iżvilupp personali minn età bikrija u l-gwida għall-karriera kif ukoll appoġġ għal aċċess ugwali għall-informazzjoni jistgħu jgħinu lin-nies jagħżlu perkorsi ta' apprendiment u edukattivi li jwasslu għal opportunitajiet ta' impjieġ ta' kwalità.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 2b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2b) Iż-żgħażaġh u n-nisa ikollhom aktar diffikultajiet biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol. Ir-riżultati tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti tal-OECD tal-2018 juru li aktar minn 20 % tal-istudenti fl-Unjoni għandhom profiċjenza insuffiċjenti fi tliet ħiliet bażiċi: il-litteriżmu, in-numeriżmu u l-ħsieb xjentifiku. Dawk ix-xejriet ikomplu fl-età adulta: Skont id-data tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Kompetenzi tal-Adulti tal-OECD, wieħed minn kull ħames adulti għandu ħiliet inadegwati ta' litteriżmu u numeriżmu, u tnejn minn kull ħamsa ma għandhom ebda ħila diġitali jew għandhom livell ta' ħiliet diġitali baxx ħafna. Il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija affettwata minħabba l-piż sproporzjonat fuqhom tax-xogħol tad-dar u ta' xogħol ta' kura mhux imħallas u minħabba d-disponibbiltà fqira ta' servizzi ta' kura u appoġġ.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(3) Id-disponibbiltà ta' persunal kwalifikat jew manijers b'esperjenza tibqa'

(3) Id-disponibbiltà ta' persunal kwalifikat jew manijers b'esperjenza, **li**

wkoll l-aktar problema importanti għal kwart tal-25 miljun intrapriża żgħira u medja (SMEs)<sup>23</sup> tal-Unjoni, li **tikkostitwixxi** s-sinsla tal-ekonomija tal-Unjoni **u tirrappreżenta** 99 % tan-negozji kollha u **timpjega** 83 miljun persuna. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli"<sup>24</sup> tirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-SMEs għall-kompetittività u l-prosperità tal-Ewropa.

---

<sup>23</sup> Eurostat, Ċifri Ewlenin dwar in-Negozji Ewropej, Edizzjoni tal-2022 *Edition*, p. 10.

<sup>24</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" (COM/2020/103 final)

## Emenda 9

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) **Il-ħiliet baxxi** tal-adulti fl-età tax-xogħol **jibqgħu** sfida sinifikanti għall-Unjoni, **li tindika** potenzjal konsiderevoli mhux sfruttat ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid biex jgħin itaffi n-nuqqas dejjem akbar ta' ħaddiema f'setturi bħall-manifattura u s-servizzi, u b'mod partikolari f'attivitajiet ekonomiċi relatati mal-ospitalità u l-manifattura ta' tagħmir elettroniku u tal-kompjuters.<sup>25</sup> Madankollu, il-parteciċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti **fl-UE** staġnat matul l-aħħar għaxar snin u 21 Stat Membru ma laħqux il-mira fil-livell tal-UE għall-2020. Ħafna adulti, bħal dawk f'forom atipiċi ta' xogħol, l-impjegati ta' intrapriżi żgħar u medji, il-persuni qiegħda, dawk inattivi u bi

**għandhom rwol essenzjali fit-tkabbir sostenibbli tal-Unjoni**, tibqa' wkoll l-aktar problema importanti għal kwart tal-25 miljun intrapriża żgħira u medja (SMEs)<sup>23</sup> tal-Unjoni, li **jikkostitwixxu** s-sinsla tal-ekonomija **u tal-prosperità** tal-Unjoni, **filwaqt li jirrappreżentaw** 99 % tan-negozji kollha u **jimpjegaw** 83 miljun persuna. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli"<sup>24</sup> tirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-SMEs għall-kompetittività u l-prosperità tal-Ewropa.

---

<sup>23</sup> Eurostat, Ċifri Ewlenin dwar in-Negozji Ewropej, Edizzjoni tal-2022, p. 10.

<sup>24</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" (COM/2020/103 final)

#### *Emenda*

(4) **In-nuqqas ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati adegwati u l-parteciċipazzjoni baxxa f'attivitajiet ta' taħriġ** tal-adulti fl-età tax-xogħol **inaqqsu l-opportunitajiet ta' għom fis-suq tax-xogħol, li jirriżultaw f'inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi li jirrappreżentaw** sfida sinifikanti għall-Unjoni. **Jindikaw ukoll** potenzjal konsiderevoli mhux sfruttat ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid biex jgħin itaffi n-nuqqas dejjem akbar ta' ħaddiema f'setturi bħall-manifattura u s-servizzi, u b'mod partikolari f'attivitajiet ekonomiċi relatati mal-ospitalità u l-manifattura ta' tagħmir elettroniku u tal-kompjuters.<sup>25</sup> Madankollu, il-parteciċipazzjoni fl-apprendiment għall-

kwalfiki baxxi spiss ma jkunux jistgħu jilhq u l-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet. Iż-żieda fl-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid għal dawn il-gruppi, u għall-adulti kollha fl-età tax-xogħol, tikkontribwixxi wkoll biex tintlaħaq il-mira tal-impjegi tal-UE ta' 78 %, **filwaqt li r-rata** ta' impjieg fl-UE fl-2021 **tkun** ta' 73,1 %.<sup>26</sup>

adulti **fl-Unjoni** staġnat matul l-aħħar għaxar snin u 21 Stat Membru ma laħqux il-mira fil-livell tal-UE għall-2020. Ħafna adulti, bħal dawk f'forom atipiċi ta' xogħol, l-impjegati ta' intrapriżi żgħar u medji, il-persuni qiegħda, dawk inattivi u bi kwalfiki baxxi spiss ma jkunux jistgħu jilhq u l-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-ħiliet. Iż-żieda fl-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid għal dawn il-gruppi, u għall-adulti kollha fl-età tax-xogħol, tikkontribwixxi wkoll biex tintlaħaq il-mira tal-impjegi tal-UE ta' 78 %, **b'rata** ta' impjieg fl-UE fl-2021 ta' 73,1 %.<sup>26</sup> **Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiġi pprovdut appoġġ effettiv lill-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u b'livell baxx ta' kwalfiki u lill-persuni qiegħda f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' Titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti u tal-15 ta' Frar 2016 tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol.**

---

<sup>25</sup> Il-Kummissjoni Ewropea 2021, Labour Market and Wage Developments in Europe, p. 26

<sup>26</sup> Eurostat, Impjegi (**bħala** % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena), (LFSI\_EMP\_A)

---

<sup>25</sup> Il-Kummissjoni Ewropea 2021, Labour Market and Wage Developments in Europe, p. 26

<sup>26</sup> Eurostat, Impjegi (**bħala** % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena), (LFSI\_EMP\_A)

## Emenda 10

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) It-tielet prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jissottolinja li irrispettivament mill-ġeneru, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, kulħadd għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs, u dan jinkludi **x-xogħol** u **l-**

*Emenda*

(6) It-tielet prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jissottolinja li irrispettivament mill-ġeneru, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, kulħadd għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs, u dan jinkludi **l-impjieg**, **l-**

**edukazzjoni.** Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet jenħtieġ li ssir b'mod li jkun inklużiv u jippromwovi b'mod attiv l-ugwaljanza għal kulħadd. Il-pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>29</sup> jindika li **billi tiżdied il-parteciċipazzjoni** ta' gruppi li bħalissa **ma għandhomx preżenza suffiċjenti** fis-suq tax-xogħol, **nistgħu niksbu** tkabbir fl-impjiegi **aktar inklużiv.**

---

<sup>29</sup> Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (europa.eu)

## Emenda 11

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa<sup>30</sup>, adottata f'Lulju 2020, tappella għal rivoluzzjoni tal-ħiliet biex jiġi żgurat l-irkupru tal-ekonomija tagħna, **tissaħħaħ il-kompetittività** globali tal-Ewropa u **t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi** u diġitali jinbidlu f'opportunitajiet għal kulħadd. Għandha l-għan li trawwem azzjoni kollettiva dwar il-ħiliet, **tiżgura li l-kontenut tat-taħriġ ikun allinjat** mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu, u tqabbel aħjar l-oppportunitajiet ta' taħriġ mal-aspirazzjonijiet tan-nies biex **jinċentivaw** l-adozzjoni tagħhom fost il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Il-Parlament Ewropew **sodisfatt bl-oġettivi u bl-azzjonijiet** tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2021.<sup>31</sup>

**edukazzjoni u t-taħriġ.** Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet jenħtieġ li ssir b'mod li jkun inklużiv u jippromwovi b'mod attiv l-ugwaljanza għal kulħadd. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>29</sup> **jistabbilixxi mira li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena sal-2030** u jindika li **b'żieda fil-parteciċipazzjoni** ta' gruppi li bħalissa **huma sottorappreżentati** fis-suq tax-xogħol **ikun possibbli li jinkiseb** tkabbir **aktar inklużiv** fl-impjiegi **u jiġu promossi inizjattivi u politiki sensittivi għall-ġeneru.**

---

<sup>29</sup> Il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (europa.eu)

#### *Emenda*

(7) L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa<sup>30</sup>, adottata f'Lulju 2020, tappella għal rivoluzzjoni tal-ħiliet biex jiġi żgurat l-irkupru tal-ekonomija tagħna, **jissaħħu l-kompetittività** globali **u l-ekwità soċjali** tal-Ewropa u **t-tranżizzjoni ekoloġika** u **dik** diġitali jinbidlu f'opportunitajiet għal kulħadd. Għandha l-għan li trawwem azzjoni kollettiva dwar il-ħiliet, **ittejjeb il-kwalifiki kumplessivi tan-nies għall-fini ta' ċittadinanza aktar attiva u involuta, iżżid l-allinjament tal-kontenut tat-taħriġ** mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu, u tqabbel aħjar l-oppportunitajiet ta' taħriġ mal-aspirazzjonijiet tan-nies biex **tinċentiva** l-adozzjoni tagħhom fost il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. **L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu skemi ta' taħriġ li permezz tagħhom iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jiskopru l-vokazzjoni u t-talenti tagħhom.** Il-Parlament Ewropew **laqa' l-oġettivi u l-azzjonijiet** tal-Aġenda

għall-Ħiliet għall-Ewropa fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2021.<sup>31</sup>

---

<sup>30</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2021)274 final)

<sup>31</sup> Il-Parlament Ewropew, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2021 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (2020/2818(RSP))

---

<sup>30</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2020)274 final)

<sup>31</sup> Il-Parlament Ewropew, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2021 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (2020/2818(RSP))

## Emenda 12

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 9 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fl-14 ta' Settembru 2022, il-President von der Leyen ħabbret fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea li l-Kummissjoni Ewropea se tipproponi li tagħmel l-2023 is-sena Ewropea tal-Ħiliet<sup>33</sup>. Il-President indikat il-problema tan-nuqqas ta' ħaddiema f'ċerti setturi u enfasizzat l-importanza tal-investimenti fl-edukazzjoni professjonali u t-titjib tal-ħiliet. Enfasizzat ukoll li l-ġibda tal-ħiliet it-tajba lejn l-Ewropa **għandha** tkun parti mis-soluzzjoni, appoġġata billi jitħaffef u jiġi ffaċilitat ir-rikonossiment tal-kwalifiki anke ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Billi tagħti l-ħajja lis-Sena Ewropea tal-Ħiliet, il-Kummissjoni tipprova żżid il-momentum u trawwem l-implimentazzjoni tal-ħafna azzjonijiet li kienet ħadet diġà biex issaħħaħ it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-

#### *Emenda*

Fl-14 ta' Settembru 2022, il-President von der Leyen ħabbret fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea li l-Kummissjoni Ewropea se tipproponi li tagħmel l-2023 is-sena Ewropea tal-Ħiliet<sup>33</sup>. Il-President indikat il-problema tan-nuqqas ta' ħaddiema f'ċerti setturi u enfasizzat l-importanza tal-investimenti fl-edukazzjoni professjonali u t-titjib tal-ħiliet. Enfasizzat ukoll li l-ġibda tal-ħiliet it-tajba lejn l-Ewropa **trid** tkun parti mis-soluzzjoni, appoġġata billi jitħaffef u jiġi ffaċilitat ir-rikonossiment tal-kwalifiki anke ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Billi tagħti l-ħajja lis-Sena Ewropea tal-Ħiliet, il-Kummissjoni tipprova żżid il-momentum u trawwem l-implimentazzjoni tal-ħafna azzjonijiet li kienet ħadet diġà biex issaħħaħ it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-

ħiliet fl-Unjoni biex tindirizza n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u tappoġġa t-tkabbir sostenibbli tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE.

---

<sup>33</sup> Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2022, online fuq: [https://state-of-the-union.ec.europa.eu/index\\_en](https://state-of-the-union.ec.europa.eu/index_en)

### Emenda 13

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

ħiliet fl-Unjoni biex tindirizza n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u tappoġġa t-tkabbir sostenibbli tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE, **billi tiżgura impjegi ta' kwalità għolja u mħallsa b'mod adegwat.**

---

<sup>33</sup> Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2022, online fuq: [https://state-of-the-union.ec.europa.eu/index\\_mt](https://state-of-the-union.ec.europa.eu/index_mt)

*Emenda*

***F'xi Stati Membri, it-traineeships ġew estiżi bla bżonn għal ħaddiema li mhumiex qed iwettqu l-ewwel esperjenza tax-xogħol tagħhom u li qed jintużaw bħala mezz biex jitnaqqsu l-kostijiet lavorattivi, filwaqt li jfixklu l-iskop tat-traineeships li jarmaw liż-żgħażaġh bis-sett it-tajjeb ta' ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol u jippermettu kompetizzjoni inġusta. Għalhekk, huwa importanti li fil-livell tal-Unjoni jiġi żgurat qafas leġiżlattiv li jiggarrantixxi, permezz ta' traineeships għaż-żgħażaġh, opportunitajiet ġenwini ta' apprendiment ta' żmien limitat, marbuta mal-istudji tagħhom jew bħala l-ewwel esperjenza ta' xogħol.***

### Emenda 14

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

Is-Sena tal-Ħiliet issegwi s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 li ħadmet biex tagħti s-setgħa, tonora, tappoġġa u tinvolvi liż-żgħażaġh, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, f'perspettiva ta' wara l-

*Emenda*

Is-Sena tal-Ħiliet issegwi s-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 li ħadmet biex tagħti s-setgħa, tonora, tappoġġa u tinvolvi liż-żgħażaġh, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, f'perspettiva ta' wara l-

pandemija tal-COVID-19 bil-ħsieb li jkollha impatt pożittiv fit-tul għaż-żgħażaġh. Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ diġà enfasizzat l-importanza tal-ħiliet biex jinstab impjieg ta' kwalità tajba għaż-żgħażaġh.

pandemija tal-COVID-19 bil-ħsieb li jkollha impatt pożittiv fit-tul għaż-żgħażaġh. Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ diġà enfasizzat l-importanza tal-ħiliet biex jinstab impjieg ta' kwalità tajba għaż-żgħażaġh. ***L-integrazzjoni bla xkiel taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol trid tiġi ggarantita billi jiġu pprovduti b'impjegi ta' kwalità u opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ.***

## Emenda 15

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Peress li huma ***l-kumpaniji*** u partijiet ikkonċernati oħra li jafu l-aħjar liema ħiliet huma meħtieġa fl-ekosistemi industrijali tagħhom, it-tiżiħ tal-azzjoni kollettiva tagħhom dwar l-iżvilupp tal-ħiliet ***għandu jkun*** parti mis-soluzzjoni. Il-Patt għall-Ħiliet ilaqqa' flimkien ***il-kumpaniji***, is-sħab soċjali, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-servizzi pubbliċi tal-impjegi u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra fil-ħiliet, kemm privati kif ukoll pubbliċi. S'issa, aktar minn 700 organizzazzjoni ffirmaw il-patt u ġew stabbiliti 12-il sħubija fuq skala kbira f'setturi strateġiċi, b'wegħdiet li jgħinu fit-titjib tal-ħiliet ***sa sitt miljun persuna. Id-dimensjoni*** reġjonali ***hija*** importanti wkoll, inkluż fir-reġjuni tal-fruntiera, fejn ***is-sejba ta'*** ħaddiema bil-ħiliet it-tajba ***teħtieġ*** miżuri mmirati biex jappoġġaw swieq tax-xogħol transfruntiera effettivi. Bl-istess mod, ***ir-reġjuni*** żvantaġġati u remoti, ***inkluż dawk*** ultraperiferiċi, jiltaqgħu ma' sfidi partikolari peress li l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid huma limitati.

#### *Emenda*

(10) Peress li huma ***l-impriżi, it-trade unions, il-ħaddiema, il-kmamar tal-kummerċ*** u partijiet ikkonċernati oħra li jafu l-aħjar liema ħiliet huma meħtieġa fl-ekosistemi industrijali tagħhom, it-tiżiħ tal-azzjoni kollettiva tagħhom dwar l-iżvilupp tal-ħiliet ***irid ikun*** parti mis-soluzzjoni. Il-Patt għall-Ħiliet ilaqqa' flimkien is-sħab soċjali, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-servizzi pubbliċi tal-impjegi u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra fil-ħiliet, kemm privati kif ukoll pubbliċi. S'issa, aktar minn 700 organizzazzjoni ffirmaw il-patt u ġew stabbiliti 12-il sħubija fuq skala kbira f'setturi strateġiċi, b'wegħdiet li jgħinu ***sa sitt miljun persuna*** fit-titjib tal-ħiliet. ***Il-partijiet ikkonċernati, inklużi s-sħab soċjali li ffirmaw sħubiji dwar il-ħiliet fuq skala kbira, jenħtieġ li jkunu akkumpanjati fil-ksib ta' riżultati tanġibbli li jiżguraw li d-dimensjoni tal-ħiliet tibqa' fil-qalba tad-diskussjoni dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Id-dimensjonijiet*** reġjonali ***u lokali*** huma importanti wkoll, inkluż fir-reġjuni tal-fruntiera, fejn ***biex jinstabu*** ħaddiema bil-ħiliet it-tajba ***jirrikjedi*** miżuri mmirati biex jappoġġaw swieq tax-xogħol transfruntiera



effettivi. Bl-istess mod, *iż-żoni* żvantaġġati u remoti, *inklużi r-reġjuni* ultraperiferiċi, jiltaqgħu ma' sfidi partikolari peress li l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid huma limitati.

## Emenda 16

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 10a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(10a) Djalogu soċjali effettiv u proċessi ta' negozjar kollettiv huma kruċjali biex jantiċipaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-ħtieġa għall-ħiliet, kif ukoll biex jiddefinixxu strateġiji kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu r-rwol tas-sħab soċjali u jappoġġaw l-attivitajiet u l-prerogattivi tagħhom dwar kwistjonijiet relatati mal-bidliet fis-suq tax-xogħol, mal-ħiliet meħtieġa u mal-aġġornament tal-kurrikuli tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.***

## Emenda 17

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(11) Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment<sup>34</sup> u l-Mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u l-impjegabbiltà<sup>35</sup> jgħinu lin-nies ***jaġġornaw jew ilestu l-ħiliet tagħhom, anke b'rispons għall-ħtiġijiet ta' ħiliet emerġenti fis-suq tax-xogħol***, b'mod aktar flessibbli u mmirat. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Diċembru 2021 dwar Aġenda Ewropea ġdida għat-Tagħlim tal-Adulti 2021-2030<sup>36</sup>

(11) Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kontijiet Individwali tal-Apprendiment<sup>34</sup> u l-Mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u l-impjegabbiltà<sup>35</sup> jgħinu lin-nies ***jibdew u jkomplu l-perkorsi tal-apprendiment tagħhom***, b'mod aktar flessibbli u mmirat. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Diċembru 2021 dwar Aġenda Ewropea ġdida għat-Tagħlim tal-Adulti 2021-2030<sup>36</sup> tippromwovi ***opportunitajiet ta'***

tippromwovi *t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid li min-naħa tagħhom jistgħu jnaqqsu l-ispariġġi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema*. Il-gwida *tal-ħiliet* u l-opportunitajiet ta' awtovalutazzjoni tal-ħiliet huma fost il-miżuri *li* jappoġġaw lin-nies *fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid* tagħhom.

---

<sup>34</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26)

<sup>35</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10)

<sup>36</sup> Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea ġdida għall-apprendiment tal-adulti 2021-2030 (ĠU C 504, 14.12.2021, p. 9)

## Emenda 18

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Il-politiki attivi msaħħa tas-suq tax-xogħol promossi mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni EASE (Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi)<sup>37</sup> għandhom l-għan li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda *matul l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 u t-tlaqqiġ* aħjar tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol, appoġġati mis-servizzi tal-impjiegi *b'kapaċità amministrattiva suffiċjenti*.

*apprendiment formali, mhux formali u informali li jkunu kapaċi jipprovdu l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi kollha meħtieġa biex tinħoloq Unjoni inklużiva, sostenibbli, soċjalment ġusta u aktar reżiljenti. Tenfasizza l-apprendiment għall-adulti bħala parti importanti mill-apprendiment tul il-ħajja. L-apprendiment, il-gwida għal karriera ta' kwalità u l-opportunitajiet ta' awtovalutazzjoni tal-ħiliet huma fost il-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw lin-nies tul il-perkorsi tal-apprendiment* tagħhom.

---

<sup>34</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26)

<sup>35</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10)

<sup>36</sup> Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea ġdida għall-apprendiment tal-adulti 2021-2030 (ĠU C 504, 14.12.2021, p. 9)

#### *Emenda*

(12) Il-politiki attivi msaħħa tas-suq tax-xogħol promossi mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni EASE (Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi)<sup>37</sup> għandhom l-għan li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet lejn impjiegi ġodda u *t-tqabbil* aħjar tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol, appoġġati mis-servizzi tal-impjiegi *b'attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet li mhux biss jinkludu s-suq tax-xogħol iżda wkoll il-livelli tal-persunal ta' għalliema u ta' min iħarreġ li se jgħallmu l-ħiliet u l-għarfien it-tajbin*

---

<sup>37</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-4.3.2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) (ĠU L 80, 8.3.2021, p. 1)

## Emenda 19

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET)<sup>38</sup> tappoġġa l-modernizzar tas-sistemi tal-VET li **jagħti** liż-żgħażaġh u lill-adulti **l-għarfien**, il-ħiliet u l-kompetenzi biex jirnexxu **fis-suq tax-xogħol** u **fis-soċjetà** li qed **jevolvu u jimmaniġġjaw** l-irkupru u t-tranżizzjonijiet ġusti għall-ekonomija ekoloġika u diġitali fi żminijiet ta' tibdil demografiku u tul iċ-ċikli ekonomiċi kollha. Tippetromwovi l-VET bħala mutur għall-innovazzjoni u t-tkabbir, li huwa aġli biex jadatta għall-bidliet fis-suq tax-xogħol u jipprovdi ħiliet għal okkupazzjonijiet b'domanda għolja.

#### *lill-forza tax-xogħol futura.*

---

<sup>37</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-4.3.2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) (ĠU L 80, 8.3.2021, p. 1)

#### *Emenda*

(13) **L-adattament tal-kurrikuli għall-kompetenzi u għall-ħiliet meħtieġa mis-suq tax-xogħol huwa waħda mill-isfidi ewlenin għas-sistemi edukattivi.** Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (VET)<sup>38</sup> tappoġġa l-modernizzar tas-sistemi tal-VET li **jarma** liż-żgħażaġh u lill-adulti **bl-għarfien**, il-ħiliet u l-kompetenzi **li jeħtieġu** biex jirnexxu **fis-soċjetà tagħna** u **fis-suq tax-xogħol** li qed **jevolvi, biex jimmaniġġjaw** l-irkupru u t-tranżizzjonijiet ġusti għall-ekonomija ekoloġika u **dik** diġitali, fi żminijiet ta' tibdil demografiku u tul iċ-ċikli ekonomiċi kollha. Tippetromwovi l-VET bħala mutur **potenzjali** għall-innovazzjoni u t-tkabbir, li huwa aġli biex jadatta għall-bidliet fis-suq tax-xogħol u jipprovdi ħiliet għal okkupazzjonijiet b'domanda għolja. **Żieda fl-attrazzjoni tal-VET permezz ta' komunikazzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni, kurrikuli, ċentri ta' eċċellenza, ekosistemi speċjali għall-VET fil-komunitajiet lokali u sistemi ta' edukazzjoni doppja hija essenzjali. Huma meħtieġa aktar inċentivi biex jitravmu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, il-kwalità tal-apprendistati u l-mobbiltà tal-apprendisti, inklużi programmi ta' mobbiltà fit-tul.**

<sup>38</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1)

<sup>38</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1)

## Emenda 20

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 13a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(13a) Il-Programm Pilota tal-Voluntiera Diġitali jappoġġa lill-SMEs Ewropej fit-trasformazzjoni diġitali tagħhom billi jkabbru l-kompetenzi diġitali tal-impjegati tagħhom, bis-saħħa tal-kollaborazzjoni ma' mentors kwalifikati minn negozji akbar u jippermetti liż-żgħażaġh kwalifikati u lill-ħaddiema akbar fl-età ta' esperjenza jaqsmu l-ħiliet diġitali tagħhom man-negozji tradizzjonali. Bit-tibdil demografiku, aktar żvilupp tal-volontarjat u tal-mentoraġġ biex l-għarfien jingħadda bejn il-ġenerazzjonijiet, sabiex tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali u jkun possibbli l-qsim tal-ħiliet u l-esperjenza, jiġi mħeġġeġ it-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema żgħażaġh u dawk akbar fl-età u jiġu ppreżervati s-snajja' tradizzjonali bħala parti mill-wirt tal-Unjoni huwa tal-akbar importanza.***

## Emenda 21

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(14) Il-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol se jkunu meħtieġa fil-kuntest tal-bidla għal ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, kif stipulat skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew

(14) Il-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u ***dik diġitali u*** t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol se jkunu meħtieġa fil-kuntest tal-bidla għal ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi, ***ċirkolari, inklużiva, reżiljenti*** u

inlestu l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lesti għall-Mira ta' 55 %" <sup>40</sup> tirrikonoxxi li t-tranżizzjoni ekoloġika tista' tirnexxi biss jekk ***l-Unjoni*** jkollha l-forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li teħtieġ biex tibqa' kompetittiva u tindika l-azzjonijiet ewlenin tal-Aġenda għall-Ħiliet biex il-persuni jingħataw il-ħiliet li huma meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

---

<sup>39</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final)

<sup>40</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - "Lesti għall-Mira ta' 55 %": Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika (COM(2021) 550 final)

## Emenda 22

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

kompetittiva, kif stipulat skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew <sup>39</sup> inlestu l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lesti għall-Mira ta' 55 %" <sup>40</sup> tirrikonoxxi li t-tranżizzjoni ekoloġika tista' tirnexxi biss jekk ***l-Unjoni*** jkollha l-forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li teħtieġ biex tibqa' kompetittiva u tindika l-azzjonijiet ewlenin tal-Aġenda għall-Ħiliet biex il-persuni jingħataw il-ħiliet li huma meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

---

<sup>39</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM/2019/640 final)

<sup>40</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - "Lesti għall-Mira ta' 55 %": Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika (COM(2021) 550 final)

*Emenda*

***(14a) It-tranżizzjoni kontinwa lejn industrija Ewropea 4.0 u l-ħtiġijiet relatati tas-suq tax-xogħol jirrikjedu investiment fl-iżvilupp ta' sistemi VET 4.0 b'saħħithom madwar l-Unjoni kollha, il-promozzjoni ta' kompetenzi ta' kontroll u ta' soluzzjoni tal-problemi, ħiliet ta' prestazzjoni għolja fit-teknoloġiji tal-futur, bħal produzzjoni u makkinarju intelliġenti, robotika avvanzata, cloud computing, intelliġenza artiċijali, ipproċessar tad-data u l-internet tal-oġġetti.***

## Emenda 23

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali 2030<sup>41</sup> itenni l-objettiv li jiġi żgurat li mill-inqas 80 % tal-popolazzjoni tal-UE jkollhom mill-inqas ħliet diġitali bażiċi sal-2030, u jistabbilixxi l-mira ta' 20 miljun speċjalista tal-ICT impjegati, bl-għan li tinkiseb konverġenza bejn il-ġeneri, sal-2030, anke billi jinħoloq qafas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Id-Deċennju Diġitali<sup>42</sup> jenfasizza n-nuqqas ta' kapaċità ta' programmi speċjalizzati ta' edukazzjoni u taħriġ biex iħarrġu esperti addizzjonali tal-ICT. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027<sup>43</sup> jenfasizza li jenħtieġ li jintużaw mezzi teknoloġiċi biex tiġi faċilitata l-aċċessibbiltà u tissaħħaħ il-flessibbiltà tal-opportunitajiet ta' apprendiment, inkluż it-titjib tal-ħliet u t-taħriġ mill-ġdid.

---

<sup>41</sup> Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali"

#### *Emenda*

(15) ***Fl-Unjoni, aktar minn 90 % tar-rwoli professjonali jirrikjedu livell bażiku ta' għarfien diġitali, bl-istess mod li jirrikjedu ħliet bażiċi fil-litteriżmu u fin-numeriżmu. L-użu tal-għodod diġitali qed jinfirex fis-setturi kollha. Madankollu, madwar 42 % taċ-ċittadini fl-Unjoni, inklużi 37 % ta' daww fil-forza tax-xogħol, ma għandhomx il-ħliet diġitali bażiċi<sup>40a</sup>.*** Il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali 2030<sup>41</sup> ***jenfasizza l-fatt li l-ħliet diġitali bażiċi u avvanzati jipprovdu reżiljenza kollettiva għas-soċjetajiet demokratiċi.*** Itenni l-objettiv li jiġi żgurat li mill-inqas 80 % tal-popolazzjoni tal-UE jkollhom mill-inqas ħliet diġitali bażiċi sal-2030, u jistabbilixxi l-mira ta' 20 miljun speċjalista tal-ICT impjegati, bl-għan li tinkiseb konverġenza bejn il-ġeneri, sal-2030, anke billi jinħoloq qafas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Id-Deċennju Diġitali<sup>42</sup> jenfasizza n-nuqqas ta' kapaċità ta' programmi speċjalizzati ta' edukazzjoni u taħriġ biex iħarrġu esperti addizzjonali tal-ICT. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027<sup>43</sup> jenfasizza li jenħtieġ li jintużaw mezzi teknoloġiċi biex tiġi faċilitata l-aċċessibbiltà u tissaħħaħ il-flessibbiltà tal-opportunitajiet ta' apprendiment, inkluż it-titjib tal-ħliet u t-taħriġ mill-ġdid.

---

#### ***40a Il-Kummissjoni Ewropea, Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa.***

<sup>41</sup> Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 "Il-Perkors għad-Deċennju Diġitali"

(COM/2021/574 final)

<sup>42</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni; Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali (COM (2021)118 final)

<sup>43</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (COM/2018/022 final)

(COM/2021/574 final)

<sup>42</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni; Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali (COM (2021)118 final)

<sup>43</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (COM/2018/022 final)

## Emenda 24

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 16

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Industrijali Aġġornata<sup>44</sup> tappella għal azzjoni deċiżiva sabiex l-apprendiment tul il-ħajja jsir realtà għal kulħadd u jiġi żgurat li l-edukazzjoni u t-taħriġ iżommu l-pass mat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika u jgħinu fit-twettiq tagħhom. Tenfasizza li forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati hi essenzjali biex ikun żgurat li jirnexxu ***t-tranżizzjonijiet***, li ***jappoġġaw il-kompetittività*** tal-industrija Ewropea u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità. Tirrikonoxxi wkoll l-importanza ta' sħubijiet b'saħħithom bejn l-UE, l-Istati Membri, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u l-kooperazzjoni bejn l-ekosistemi industrijali u fi ħdanhom. L-ekonomija soċjali tista' taqdi rwol deċiżiv peress li hija proponent importanti ta' tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi soċjalment ekwi u inklużivi u mutur ewlieni tal-innovazzjoni soċjali, inkluż fil-qasam tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet.

*Emenda*

(16) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Industrijali Aġġornata<sup>44</sup> tappella għal azzjoni deċiżiva sabiex l-apprendiment tul il-ħajja jsir realtà għal kulħadd u jiġi żgurat li l-edukazzjoni u t-taħriġ iżommu l-pass mat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika u jgħinu fit-twettiq tagħhom. Tenfasizza li forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati hi essenzjali biex ikun żgurat li jirnexxu ***t-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, filwaqt li tappoġġa l-kompetittività*** tal-industrija Ewropea, ***it-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika tagħha*** u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità. Tirrikonoxxi wkoll l-importanza ta' sħubijiet b'saħħithom bejn l-UE, l-Istati Membri, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u l-kooperazzjoni bejn l-ekosistemi industrijali u fi ħdanhom. ***Kif indikat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2021 bit-titolu 'Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali, l-ekonomija soċjali tista' taqdi rwol deċiżiv***

peress li hija proponent importanti ta' tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi soċjalment ekwi u inklużivi u mutur ewlieni tal-innovazzjoni soċjali, inkluż fil-qasam tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, **billi tiffaċilita pereżempju l-istabbiliment ta' sħubija tal-ħiliet għall-ekosistema industrijali tal-prossimità u tal-ekonomija soċjali.**

---

<sup>44</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa (COM(2021) 350 final)

---

<sup>44</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa (COM(2021) 350 final)

## **Emenda 25**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) ***Il-ġibda ta' ċittadini b'ħiliet minn pajjiżi terzi tista' tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u ħaddiema tal-Unjoni.*** F'Ottubru 2021, daħlet fis-seħħ id-Direttiva riveduta dwar il-Karta Blu tal-UE<sup>45</sup>, li hi kisba ewlenija biex jiġi attirat talent ***b'ħiliet għolja*** fis-suq tax-xogħol. Il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil<sup>46</sup> ***ipoġġi*** wkoll ***enfasi qawwija fuq*** il-migrazzjoni tal-ħaddiema u ***fuq*** l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni adottat Pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti<sup>47</sup> f'April 2022 biex issaħħaħ il-qafas legali u l-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam. Il-proposti għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul u d-Direttiva dwar il-Permess Uniku se jippermettu s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ammissjoni ta' ħaddiema mil-livelli kollha ta' ħiliet fl-Unjoni. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tniedi Riżerva ta' Talent tal-UE biex tiffaċilita ***t-tqabbil*** tax-xogħol ma'

*Emenda*

(17) ***L-aċċess għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u għall-protezzjoni soċjali huwa essenzjali*** biex ***jappoġġa l-migranti, dawk li jfittxu l-ażil u r-rifuġjati, sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom u jtharrġu mill-ġdid u jiġi żgurati li jkollhom aċċess għal impjiegi u informazzjoni ta' kwalità.*** F'Ottubru 2021, daħlet fis-seħħ id-Direttiva riveduta dwar il-Karta Blu tal-UE<sup>45</sup>, li hi kisba ewlenija biex jiġi attirat talent ***b'livell għoli ta' ħiliet*** fis-suq tax-xogħol. Il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil<sup>46</sup> ***jenfasizza*** wkoll il-migrazzjoni tal-ħaddiema u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. F'dan l-isfond, il-Kummissjoni adottat Pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti<sup>47</sup> f'April 2022 biex issaħħaħ il-qafas legali u l-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam. Il-proposti għar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul u d-Direttiva dwar il-Permess Uniku se jippermettu s-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-ammissjoni ta' ħaddiema mil-livelli kollha



ċittadini mhux tal-UE. Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll lejn it-tnedija ta' Sħubijiet ta' Talent imfassla apposta ma' pajjiżi sħab ewlenin speċifiċi biex tagħti spinta lill-mobbiltà internazzjonali tal-forza tax-xogħol u l-iżvilupp tat-talent b'mod ċirkolari u ta' benefiċċju reċiproku. Barra minn hekk, l-Unjoni tkompli tkun il-kontributor ewlieni għall-finanzjament globali għall-edukazzjoni li jiffoka speċjalment fuq it-taħriġ tal-ġhalliema, l-edukazzjoni tal-bniet u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Din il-ħidma, taħt il-kappa tal-istrateġija tal-Global Gateway<sup>48</sup>, hija komplementari għall-oġettivi ta' din il-proposta.

ta' hiliel fl-Unjoni ***u jipprevedu protezzjoni u drittijiet aħjar għalihom.*** Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tnedi Riżerva ta' Talent tal-UE biex tiffaċilita ***t-tlaqqiġ*** tax-xogħol ma' ċittadini mhux tal-UE, ***bl-involviment tas-sħab soċjali.*** Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll lejn it-tnedija ta' Sħubijiet ta' Talent imfassla apposta ma' pajjiżi sħab ewlenin speċifiċi biex tagħti spinta lill-mobbiltà internazzjonali tal-forza tax-xogħol u l-iżvilupp tat-talent b'mod ċirkolari u ta' benefiċċju reċiproku. ***Is-sħab soċjali jenħtieġ li jkunu involuti fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ ta' dawk is-sħubijiet.*** Barra minn hekk, l-Unjoni tkompli tkun il-kontributor ewlieni għall-finanzjament globali għall-edukazzjoni li jiffoka speċjalment fuq it-taħriġ ***u l-mobbiltà*** tal-ġhalliema, l-edukazzjoni tal-bniet u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Din il-ħidma, taħt il-kappa tal-istrateġija tal-Global Gateway<sup>48</sup>, hija komplementari għall-oġettivi ta' din il-proposta. ***Huwa importanti li kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, inklużi pagi minimi u protezzjoni soċjali jiġu żgurati għall-ħaddiema migranti kollha f'konformità mal-liġi eżistenti tal-Unjoni u dik nazzjonali.***

---

<sup>45</sup> Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1)

<sup>46</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (COM/2020/609 final)

<sup>47</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-

---

<sup>45</sup> Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1)

<sup>46</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni dwar Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil (COM/2020/609 final)

<sup>47</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Nattiraw il-ĥiliet u t-talent lejn l-UE (COM/2022/657 final)

<sup>48</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment Il-Portal Globali (JOIN/2021/30 final)

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Nattiraw il-ĥiliet u t-talent lejn l-UE (COM/2022/657 final)

<sup>48</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment Il-Portal Globali (JOIN/2021/30 final)

## Emenda 26

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Il-fiduċja fil-kwalifiki u t-trasparenza tagħhom, kemm jekk miksuba fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha, huma kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tagħhom. L-għodod **ta' trasparenza** tal-UE (il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, l-Europass, l-ESCO, l-Għodda **tal-Profil** tal-Ħiliet **tal-UE** għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kredenzjali Diġitali Ewropej **għat-Tagħlim**) huma punt tat-tluq biex jgħinu jżidu t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki. Biex ikollna swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb, il-ĥiliet iridu jiġu mifhuma u vvalutati, kemm jekk jinkisbu f'ambjenti formali, mhux formali jew informali. L-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-ĥiliet, kif ukoll il-gwida biex il-ĥiliet isiru viżibbli, huma passi kruċjali f'dan il-kuntest.

## Emenda 27

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 18a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(18) Il-fiduċja fil-kwalifiki u t-trasparenza tagħhom, kemm jekk miksuba fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha, huma kruċjali biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tagħhom. L-għodod tal-UE (il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, l-Europass, **l-EURES**, l-ESCO, l-Għodda **tal-UE għall-Profil** tal-Ħiliet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kredenzjali Diġitali Ewropej **għall-Apprendiment**) huma punt tat-tluq biex jgħinu jżidu t-trasparenza u l-komparabbiltà **tal-ĥiliet u** tal-kwalifiki. Biex ikollna swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb, il-ĥiliet iridu jiġu mifhuma u vvalutati, kemm jekk jinkisbu f'ambjenti formali, mhux formali jew informali. L-identifikazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-ĥiliet, kif ukoll il-gwida biex il-ĥiliet isiru viżibbli, huma passi kruċjali f'dan il-kuntest.

#### *Emenda*

**(18a) Il-ĥiliet huma l-pedament tal-ħajja moderna u għalhekk l-iżvilupp tagħhom irid jiġi mħeġġeġ aktar permezz tal-**

*inizjattivi bħall-kompetizzjonijiet tal-EuroSkills li għandhom impatt importanti fuq l-immagħni pożittiva tas-sistemi tal-VET, il-promozzjoni ta' impjiegi ġodda u ħiliet ġodda, li ż-żghażaġh jiġu attirati jagħżlu karriera fil-VET, it-tibdil tas-sistemi tal-VET fl-ekonomija moderna u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni u l-impjegaturi u s-suq tax-xogħol.*

## Emenda 28

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 19

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) L-investimenti pubbliċi u privati ġenerali fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid mhumiex biżżejjed. Il-biċċa l-kbira tat-taħriġ relatat mal-impjiegi fl-UE huwa sponsorjat mill-impjegatur. Madankollu, ħafna **kumpaniji**, b'mod partikolari l-SMEs, ma **jipprovdux jew ma jiffinanzjawx** taħriġ għall-persunal tagħhom, **u** individwi f'xogħol atipiku għandhom anqas jew ebda aċċess għal taħriġ sponsorjat mill-impjegatur. Tali inugwaljanzi jimminaw il-benesseri u s-saħħa tal-individwi, inaqqsu l-kompetittività ekonomika, jirriżultaw f'opportunitajiet mitlufa u ostakli għall-innovazzjoni u jirriskjaw li jħallu lill-persuni lura fit-tranżizzjoni lejn attivitajiet ekonomiċi aktar sostenibbli. Huwa meħtieġ qafas ta' abilitazzjoni li jiftaħ u jinċentiva l-investimenti finanzjarji tal-impjegaturi fil-ħiliet u li jagħti viżibbiltà lill-valur ekonomiku tat-titjib tal-ħiliet u **t-taħriġ** mill-ġdid.

#### *Emenda*

(19) L-investimenti pubbliċi u privati ġenerali fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid mhumiex biżżejjed. Il-biċċa l-kbira tat-taħriġ relatat mal-impjiegi fl-UE huwa sponsorjat mill-impjegatur **jew sponsorjat minn trade union**. Madankollu, ħafna **impriżi**, b'mod partikolari l-SMEs, ma **għandhomx biżżejjed riżorsi biex jipprovdu jew jiffinanzjaw** taħriġ għall-persunal tagħhom, **b'mod partikolari għal persuni b'livell baxx ta' ħiliet, filwaqt li** individwi f'xogħol atipiku għandhom anqas **aċċess** jew **ma għandhom** ebda aċċess għal taħriġ sponsorjat mill-impjegatur. Tali inugwaljanzi jimminaw il-benesseri u s-saħħa tal-individwi, inaqqsu l-kompetittività ekonomika, jirriżultaw f'opportunitajiet mitlufa u ostakli għall-innovazzjoni u jirriskjaw li jħallu lill-persuni lura fit-tranżizzjoni lejn attivitajiet ekonomiċi aktar sostenibbli. Huwa meħtieġ qafas ta' abilitazzjoni li jiftaħ u jinċentiva l-investimenti finanzjarji tal-impjegaturi fil-ħiliet u li jagħti viżibbiltà lill-valur ekonomiku **tal-edukazzjoni, tat-taħriġ, tat-titjib tal-ħiliet u tat-taħriġ** mill-ġdid **matul il-ħin tax-xogħol jew liv imħallas. Barra minn hekk, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti huma essenzjali biex jiġu attirati u jinżammu ħaddiema tas-sengħa. It-taħriġ**

*ipprovdut lill-ħaddiema mill-impjegaturi tagħhom jenħtieġ li ma jnaqqasx ir-remunerazzjoni tagħhom u jenħtieġ li jinkludi sett aktar ġenerali u wiesa' ta' ħiliet u kompetenzi li jistgħu jiġu kkombinati mal-ħtiġijiet speċifiċi ta' taħriġ ta' kull impjegat. Il-pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs joffri appoġġ lill-SMEs għall-bini tal-kapaċità u għat-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħhom.*

## **Emenda 29**

### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 19a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19a) Il-ħiliet diġitali bażiċi huma essenzjali għall-biċċa l-kbira tal-impjegati u tal-impjegaturi u l-importanza tagħhom hija mistennija li tiżdied aktar. Il-litteriżmu fl-ICT sar wieħed mill-prerekwiżiti għall-bini ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien u parti essenzjali mill-apprendiment tul il-ħajja. L-intrapriżi jeħtiġilhom jiddedikaw proporzjon sinifikanti tar-riżorsi tagħhom biex jiżguraw li l-impjegati tagħhom ikunu kapaċi jaħdmu bl-aktar teknoloġiji reċenti u fl-ambjenti organizzattivi ġodda assoċjati magħhom. Għalhekk, ir-rwol tal-edukazzjoni fuq il-post tax-xogħol huwa essenzjali għall-futur tax-xogħol.*

## **Emenda 30**

### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 20**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(20) Fl-imġhoddi, l-Unjoni rat żidiet sinifikanti fl-investimenti pubbliċi fl-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali. Madankollu, s'issa, dan ma kienx akkumpanjat minn żidiet korrispondenti fl-investimenti għall-appoġġ tal-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet tul

(20) Fl-imġhoddi, l-Unjoni rat żidiet sinifikanti fl-investimenti pubbliċi fl-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali. Madankollu, s'issa, dan ma kienx akkumpanjat minn żidiet korrispondenti fl-investimenti **u l-iżvilupp ta' approċċi sistemiċi** għall-

il-ħajja tax-xogħol kollha.<sup>49</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2020<sup>50</sup> jistiednu lill-Istati Membri biex "jesploraw mudelli possibbli għal finanzjament pubbliku u privat ta' apprendiment tul il-ħajja u l-iżvilupp ta' ħiliet fuq livell individwali", u jistiednu lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri f'dawn l-isforzi.

---

<sup>49</sup> Ara pereżempju ż-żieda fil-kisbiet terzjarji, ara l-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2021

<sup>50</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2020 dwar it-Taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet bħala bażi biex jiżiedu s-sostenibbiltà u l-impjegabbiltà, fil-kuntest ta' appoġġ għall-irkupru ekonomiku u l-koeżjoni soċjali

## **Emenda 31**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Premessa 21**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Appoġġ sinifikanti ta' finanzjament tal-UE huwa disponibbli għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, pereżempju permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)<sup>51</sup>, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-programm InvestEU, il-Programm Ewropa Diġitali, Erasmus+, Orizzont Ewropa, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), il-Fond għall-Modernizzazzjoni, l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI). Il-FSE+ jibqa' l-għodda ewlenija ta' finanzjament tal-UE biex jinvesti f'aktar ħiliet u ħiliet aħjar tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari billi jappoġġa l-

appoġġ tal-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet tul il-ħajja tax-xogħol kollha.<sup>49</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2020<sup>50</sup> jistiednu lill-Istati Membri biex "jesploraw mudelli possibbli għal finanzjament pubbliku u privat ta' apprendiment tul il-ħajja u l-iżvilupp ta' ħiliet fuq livell individwali", u jistiednu lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri f'dawn l-isforzi.

---

<sup>49</sup> Ara pereżempju ż-żieda fil-kisbiet terzjarji, ara l-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2021

<sup>50</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2020 dwar it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet bħala bażi biex jiżiedu s-sostenibbiltà u l-impjegabbiltà, fil-kuntest ta' appoġġ għall-irkupru ekonomiku u l-koeżjoni soċjali

##### *Emenda*

(21) Appoġġ sinifikanti ta' finanzjament tal-UE huwa disponibbli għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, pereżempju permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)<sup>51</sup>, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-programm InvestEU, il-Programm Ewropa Diġitali, Erasmus+, Orizzont Ewropa, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), il-Fond għall-Modernizzazzjoni, l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI). Il-FSE+ jibqa' l-għodda ewlenija ta' finanzjament tal-UE biex jinvesti f'aktar ħiliet u ħiliet aħjar tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari billi jappoġġa l-

istituzzjonijiet u s-servizzi biex jivvalutaw u jantiċipaw il-ħtiġijiet u l-isfidi tal-ħiliet, jappoġġa opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema offruti mis-setturi pubbliċi u privati. Ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri għandhom dimensjoni ta' ħiliet prominenti, spiss marbuta ma' politiki attivi tas-suq tax-xoġhol, b'mod partikolari l-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażaġh. Fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza approvati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill s'issa, madwar 20 % tan-nefqa soċjali hija ddedikata għall-"impjegi u l-ħiliet"<sup>52</sup>. REACT-EU kien l-ewwel strument ta' NextGenerationEU li għamel pagamenti għall-irkupru tal-Istati Membri. Dan għen biex jinħolqu l-impjegi u jsir investiment fil-ħiliet fir-reġjuni l-aktar fil-bżonn. Il-ħaddiema li jtilfu l-impjieg tagħhom minħabba avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira, jistgħu jibbenefikaw ukoll minn appoġġ permezz tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) biex isibu impjegi ġodda, pereżempju permezz ta' aktar edukazzjoni u taħriġ u gwida u pariri dwar il-karrieri mfassla apposta.

istituzzjonijiet u s-servizzi biex jivvalutaw u jantiċipaw il-ħtiġijiet u l-isfidi tal-ħiliet, jappoġġa opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema offruti mis-setturi pubbliċi u privati. ***Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ Imsaħħa jenħtieġ li tiżgura offerti ta' kwalità u remunerati għaż-żgħażaġh biex jidħlu fis-suq tax-xoġhol u l-Garanzija għat-Tfal jista' jkollha rwol essenzjali fl-iżvilupp bikri tal-kompetenzi ewlenin u tal-ħiliet għall-ħajja għat-tfal.*** Ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri għandhom dimensjoni ta' ħiliet prominenti, spiss marbuta ma' politiki attivi tas-suq tax-xoġhol, b'mod partikolari l-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażaġh. Fil-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza approvati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill s'issa, madwar 20 % tan-nefqa soċjali hija ddedikata għall-"impjegi u l-ħiliet"<sup>52</sup>. REACT-EU kien l-ewwel strument ta' NextGenerationEU li għamel pagamenti għall-irkupru tal-Istati Membri. Dan għen biex jinħolqu l-impjegi u jsir investiment fil-ħiliet fir-reġjuni l-aktar fil-bżonn. Il-ħaddiema li jtilfu l-impjieg tagħhom minħabba avvenimenti ta' ristrutturar fuq skala kbira, jistgħu jibbenefikaw ukoll minn appoġġ permezz tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) biex isibu impjegi ġodda, pereżempju permezz ta' aktar edukazzjoni u taħriġ u gwida u pariri dwar il-karrieri mfassla apposta. ***Jenħtieġ li jiġu mħeġġa forom ġodda u innovattivi ta' finanzjament bħal bonds b'impatt soċjali u kuntratti b'eżitu soċjali mmirati lejn it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xoġhol. Il-fondi tal-Unjoni ddedikati għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid jenħtieġ li jkunu konsistenti u aċċessibbli faċilment, b'mod partikolari għall-mikrointrapriżi u l-SMEs, li jesperjenzaw aktar diffikultajiet biex iħarrġu lill-impjegati tagħhom u jsibu ħaddiema bis-sett it-tajjeb ta' ħiliet fis-suq***

---

<sup>51</sup> Kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/241 tat-12 ta' Frar 2021.

<sup>52</sup> Il-kategoriji soċjali huma definiti u applikati abbażi tal-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri fir-Regolament Delegat 2021/2105. Sat-03 ta' Ottubru 2022, kienu ġew approvati 25 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mill-Kummissjoni u mill-Kunsill.

### **Emenda 32**

#### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 22**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta<sup>53</sup> jirrikonoxxi li t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u ta' dawk li qed ifittxu impjieg huwa strument meħtieġ biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika ekwa u inklużiva u biex jittaffew il-konsegwenzi negattivi. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ekwa lejn in-newtralità klimatika<sup>54</sup> tistabbilixxi gwida speċifika biex tgħin lill-Istati Membri jfasslu u jimplementaw pakketti ta' politika dwar l-aspetti soċjali u tal-impjieg rilevanti, inkluż il-politiki ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-apprendiment għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli<sup>55</sup> tippromwovi politiki u programmi biex jiġi żgurat li l-istudenti ta' kull età jiksbu l-għarfien u l-ħiliet biex jibbenefikaw minn suq tax-xogħol li qed jinbidel, jgħixu b'mod sostenibbli u jieħdu azzjoni għal futur sostenibbli.

---

<sup>51</sup> Kif stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/241 tat-12 ta' Frar 2021.

<sup>52</sup> Il-kategoriji soċjali huma definiti u applikati abbażi tal-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri fir-Regolament Delegat 2021/2105. Sat-3 ta' Ottubru 2022, kienu ġew approvati 25 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mill-Kummissjoni u mill-Kunsill.

##### *Emenda*

(22) Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta<sup>53</sup> jirrikonoxxi li t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u ta' dawk li qed ifittxu impjieg huwa strument meħtieġ biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika ekwa u inklużiva u biex jittaffew il-konsegwenzi negattivi. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ekwa lejn in-newtralità klimatika<sup>54</sup> tistabbilixxi gwida speċifika biex tgħin lill-Istati Membri jfasslu u jimplementaw pakketti ta' politika dwar l-aspetti soċjali u tal-impjieg rilevanti, inkluż il-politiki ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-apprendiment għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli<sup>55</sup> tippromwovi politiki u programmi biex jiġi żgurat li l-istudenti ta' kull età jiksbu l-għarfien u l-ħiliet biex jibbenefikaw minn suq tax-xogħol li qed jinbidel, jgħixu b'mod sostenibbli u jieħdu azzjoni għal futur sostenibbli. ***F'dak il-kuntest, is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 jenħtieġ li tagħti***

*attenzjoni speċjali lit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema minn reġjuni u setturi li se jkunu l-aktar affettwati mill-politiki ta' dekarbonizzazzjoni sabiex tiġi evitata ż-żieda fl-inugwaljanzi bejn ir-reġjuni fl-Unjoni u jiġu żgurati koeżjoni u konverġenza 'l fuq għal tranżizzjoni ġusta.*

---

<sup>53</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta PE/5/2021/REV/1 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1)

<sup>54</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35)

<sup>55</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli, ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1.

---

<sup>53</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta PE/5/2021/REV/1 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1)

<sup>54</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35)

<sup>55</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli, ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1.

## Emenda 33

### Proposta għal deċiżjoni Premessa 25

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) L-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030<sup>56</sup> għandha l-għan li tiżgura l-parteciġipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà, fuq bażi ugwali ma' oħrajn **fl-UE** u lil hinn minnha. Fi ħdan l-Istrateġija, il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li tiżgura li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu sehem fit-taħriġ u jitgħallmu ħiliet ġodda, bħala rekwiżit fundamentali għall-impjieġ u l-indipendenza.

*Emenda*

(25) L-Istrateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030<sup>56</sup> għandha l-għan li tiżgura l-parteciġipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà, fuq bażi ugwali ma' oħrajn **fl-Unjoni** u lil hinn minnha. Fi ħdan l-Istrateġija, il-Kummissjoni Ewropea timpenja ruħha li tiżgura li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jieħdu sehem fit-taħriġ u jitgħallmu ħiliet ġodda, bħala rekwiżit fundamentali għall-impjieġ u l-indipendenza. **Sabiex jinkiseb titjib fl-impjieġi u fl-indipendenza tal-persuni b'diżabilità, huwa meħtieġ li jiżdiedu l-isforzi sabiex jinkiseb ambjent mingħajr ostakli inkluż l-ambjent mibni għall-persuni b'diżabilità jew**



---

<sup>56</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 (COM/2021/101 final)

### Emenda 34

#### Proposta għal deċiżjoni Premessa 25a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### *b'limitazzjonijiet funzjonali.*

---

<sup>56</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 (COM/2021/101 final)

*Emenda*

**(25a) Wara d-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar l-istabbiliment ta' ġimgħa Ewropea ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-arrest kardijaku<sup>56a</sup>, huwa importanti li tinġibed l-attenzjoni taċ-ċittadini għall-fatt li arrest kardijaku għal għarrieda huwa t-tielet kawża ewlenija ta' mewt fl-Unjoni bi kważi 350 000 fatalità kull sena. Intervent immedjat miċ-ċittadini fl-Unjoni li jwettqu l-ħiliet ta' kompressjonijiet sempliċi tas-sider u jekk possibbli, anke n-nifs ta' salvataġġ (CPR - Rianimazzjoni KardjoPulmonari), inkluż it-twettiq ta' defibrillazzjoni b'defibrillatur estern awtomatizzat (AED), jista' jittrippla s-sopravivenza, kif muri f'inizjattiva nazzjonali. Biex fl-Unjoni l-għadd ta' superstiti wara arrest kardijaku għal għarrieda jiżdied b'100 000 kull sena, jeħtieġ li aktar persuni japplikaw dawk il-ħiliet biex ikopru l-ħin sakemm jaslu s-servizzi mediċi ta' emerġenza professjonali. L-aktar miżura effiċjenti u sostenibbli biex tiżdied ir-rata ta' persuni kapaċi jwettqu s-CPR hija li t-tfal tal-iskola jiġu mgħallma jwettqu r-rianimazzjoni bħala ħila essenzjali mill-iskola primarja sas-sekondarja. Dan ilu mill-2015 li ġie rakkomandat ukoll mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, u**

*huwa appoġġat minn bosta  
organizzazzjonijiet nazzjonali u  
internazzjonali u s-sħab soċjali. Li t-tfal  
tal-iskola jiġu mgħallma jwettqu s-CPR se  
jżid ukoll ir-reżiljenza u l-imġiba soċjali  
pożittiva fiċ-ċittadini fl-Unjoni. Il-linji  
gwida tal-Kunsill Ewropew tar-  
Rianimazzjoni 2021 jiddeskrivu l-qafas  
biex jiġu implimentati dawk il-ħiliet  
speċifiċi madwar l-Unjoni kollha.*

---

*56a ĠU C 332 E, 15.11.2013, p. 104.*

## **Emenda 35**

### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 25b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(25b) Is-Sħubija Ewropea għal  
Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u  
b'Saħħtu għandha l-għan li ttejjeb is-  
saħħa u l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani fl-  
Unjoni u tenfasizza l-prevenzjoni u l-  
apprendiment tul il-hajja. It-tixrid min-  
naħa tas-sħubija ta' Prattiki tajba dwar it-  
tixjiħ attiv jiffoka fuq it-taħriġ mill-ġdid u  
t-titjib tal-ħiliet diġitali, sabiex jiġi żgurati  
li l-anzjani jkunu jistgħu jipparteċipaw  
bis-sħiħ f'soċjetà dejjem aktar  
diġitalizzata.*

## **Emenda 36**

### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(26) Fil-livell tal-Unjoni, l-allokazzjoni finanzjarja meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tiġi identifikata fil-baġit tal-programmi kontribwenti f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 u 2021-2027. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat

(26) Fil-livell tal-Unjoni, l-allokazzjoni finanzjarja meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni tiġi identifikata fil-baġit tal-programmi kontribwenti f'konformità mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 u 2021-2027. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat

tal-awtorità baġitarja, jenħtieġ li l-għan ikun li **tipprowdi** finanzjament ta' mill-inqas EUR 9,3 **miljuni** għall-ispejjeż operazzjonali għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

tal-awtorità baġitarja, jenħtieġ li l-għan ikun li **jiġi pprovdut** finanzjament ta' mill-inqas EUR 9,3 **miljun** għall-ispejjeż operazzjonali għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, **u li jiġi żgurati legat dejjiemi għas-Sena Ewropea tal-Ħiliet, lil hinn mill-2023.**

### Emenda 37

#### Proposta għal deċiżjoni Premessa 28a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(28a) Jenħtieġ li s-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 tibda fid-9 ta' Mejju 2023, li hija data simbolika għall-Unjoni.**

### Emenda 38

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Is-sena 2023 għandha **tingħażel** bħala "Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet **2023**" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea").

Is-sena **li tibda mid-9 ta' Mejju 2023 sat-8 ta' Mejju 2024** għandha **tiġi ddeżinjata** bħala "Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea").

### Emenda 39

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

F'konformità mal-prinċipji 1, 4 u 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jikkontribwixxu għall-oġġettivi stabbiliti fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020 u l-miri ewlenin tal-UE stabbiliti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-oġġettiv ġenerali tas-Sena Ewropea għandu jkun li tkompli

F'konformità mal-prinċipji 1, 4 u 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jikkontribwixxu għall-oġġettivi stabbiliti fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020 u l-miri ewlenin tal-UE stabbiliti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-oġġettiv ġenerali tas-Sena Ewropea għandu jkun li **jsaħħaħ l-**

tippromwovi mentalità ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet biex b'hekk tingħata spinta lill-kompetittività **tal-kumpaniji** Ewropej, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji, **filwaqt li jiġi rrealizzat** il-potenzjal sħiħ **tat-tranżizzjonijiet** diġitali u **ekoloġiċi** b'mod soċjalment ekwu, inklużiv u ġust. B'mod aktar speċifiku, l-attivitajiet tas-Sena se jippromwovu politiki **tal-ħiliet** u investimenti biex jiżguraw li ħadd ma jitħalla lura fit-tranżizzjoni doppja u fl-irkupru ekonomiku, u biex jindirizzaw b'mod partikolari n-nuqqas ta' ħaddiema għal forza tax-xogħol **b'ħiliet speċjalizzati aħjar fl-UE** li tkun kapaċi taħtaf l-opportunitajiet ta' dan il-proċess, billi:

**apprendiment kontinwu, l-impjegabbiltà u l-progressjoni tal-karriera, u li jipprovdi sistemi ta' apprendiment tul il-ħajja sostenibbli. L-inizjattiva tas-Sena Ewropea għandha** tkompli tippromwovi mentalità ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, biex b'hekk tingħata spinta lill-kompetittività **tal-impriżi** Ewropej, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji, **u n-nies jingħataw is-setgħa li jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà, filwaqt li jisfruttaw** il-potenzjal sħiħ **tat-tranżizzjoni** diġitali u **dik ekoloġika** b'mod soċjalment ekwu, inklużiv u ġust, **u għandha tippromwovi wkoll l-aċċess għal pagi deċenti li jiżguraw standard deċenti ta' għajxien.** B'mod aktar speċifiku, l-attivitajiet tas-Sena Ewropea se jippromwovu **impjiegi ta' kwalità bħala l-aħjar mod biex jattiraw u jżommu forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u jinkoraġġixxu** politiki **għall-ħiliet** u investimenti biex jiżguraw li ħadd ma jitħalla **jibqa'** lura **fil-proċessi demokratiċi,** fit-tranżizzjoni doppja u fl-irkupru ekonomiku, u biex jindirizzaw b'mod partikolari n-nuqqas ta' ħaddiema, **billi jitnaqqsu n-nuqqas ta' ħiliet u l-ispariġġ fil-ħiliet** għal forza tax-xogħol **kunfidenti u nies fl-Unjoni** li jkunu kapaċi jaħtfu l-opportunitajiet ta' dan il-proċess, billi:

## Emenda 40

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**-1. Tippromwovi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u strateġiji biex jinżammu l-ħaddiema bħala l-aħjar mod biex tiġi attirata u tinżamm forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u jiġu provduti inċentivi għall-impjegaturi biex jinvestu fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-ħaddiema tagħhom.**

## Emenda 41

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Tippromwovi żieda **f'investment** li jkun aktar effettiv u inklużiv fit-taħriġ u fit-titjib tal-ħiliet **biex** jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-forza tax-xogħol Ewropea attwali u futura **u** biex **il-persuni** jiġu appoġġati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet bejn impjieg u ieħor, **it-tixjiħ** attiv, u biex jibbenefikaw mill-opportunitajiet ġodda li **ġġib magħha t-trasformazzjoni ekonomika** li **għaddejja** bħalissa.

*Emenda*

1. Tippromwovi żieda **fl-investment** li jkun aktar effettiv u inklużiv **mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-impjegaturi, b'mod partikolari impriżi żgħar u medji, fl-apprendiment tul il-ħajja**, fit-taħriġ, **fit-taħriġ mill-ġdid** u fit-titjib tal-ħiliet, **sabiex** jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-forza tax-xogħol Ewropea attwali u futura, **biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-ħaddiema żgħażaġh fis-suq tax-xogħol**, biex **jitħeġġeġ l-iżvilupp personali, biex in-nies** jiġu appoġġati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet bejn impjieg u ieħor, **tat-tixjiħ** attiv **u biex jibqgħu fl-impjieg sakemm jirtiraw, biex jissaħħu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-benesseri tal-ħaddiema**, u biex jibbenefikaw mill-opportunitajiet ġodda li **jiġibu magħhom it-trasformazzjonijiet ekonomiċi u soċjetali** li **jinsabu għaddejjin** bħalissa. **It-tnaqqis tal-inugwaljanzi għandu jkun objettiv trażversali, filwaqt li jinkludi enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u tal-persuni b'livell baxx ta' ħiliet.**

**Emenda 42**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Issaħħaħ **ir-rilevanza** tal-ħiliet permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, mas-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi, mal-kumpaniji, mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u **tiżviluppa** approċċi konġunti mal-fergħat kollha tal-gvernijiet.

*Emenda*

2. Issaħħaħ **il-forniment** tal-ħiliet **u l-aċċess għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid** permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, **mas-soċjetà ċivili**, mas-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi, mal-kumpaniji **li jipprovdu servizzi soċjali mingħajr skop ta' qligħ, mal-impjegaturi u mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ li joperaw f'ambjenti ta' taġlim formali,**

*informali, mhux formali, u billi tiġi promossa l-kooperazzjoni fosthom, u permezz tal-iżvilupp ta' approċċi konġunti mal-fergħat kollha tal-gvernijiet li joperaw fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali u fost il-korpi u l-aġenziji differenti tal-Unjoni, filwaqt li titqies in-natura trażversali tal-ħiliet.*

#### Emenda 43

##### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Issaħħaħ ir-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kompetenzi, b'mod partikolari mill-edukazzjoni informali u mhux formali, filwaqt li tkompli l-oqfsa komuni madwar l-Istati Membri kollha, b'mod partikolari rigward ir-rikonoxximent komuni tal-ħiliet trażversali personali bħall-ħiliet lingwistiċi, il-ħsieb kritiku, l-intraprenditorija, il-kreattività, il-kompetenzi interkulturali, il-ħidma fi grupp u l-litteriżmu medjatiku. Dak it-tisħiħ huwa importanti għat-tkabbir sostenibbli, il-produttività, l-adattament għat-trasformazzjonijiet tas-suq tax-xogħol, l-investiment u l-innovazzjoni, u għalhekk huwa fattur ewlieni biex jiġu żgurati kemm il-kompetittività tan-negozji kif ukoll il-benesseri tal-ħaddiema.*

#### Emenda 44

##### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Tqabbel l-aspirazzjonijiet u l-ħiliet tan-nies mal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol speċjalment dawk offruti *mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi* u diġitali u s-

3. Tqabbel l-aspirazzjonijiet u l-ħiliet tan-nies mal-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol speċjalment dawk offruti *mit-tranżizzjoni ekoloġika* u *dik* diġitali u *mis-*

*setturi* ewlenin li jeħtieġu *rkupru* mill-pandemija. Se tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu attivati aktar nies għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari *n-nisa u ż-żgħażaġh speċjalment* dawk barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEETs).

*setturi ġodda emerġenti, u ma' impjegi ta' kwalità, postijiet tax-xogħol li jiffavorixxu l-apprendiment, u ma' opportunitajiet tas-suq tax-xogħol offruti mis-setturi* ewlenin li jeħtieġu *jirkupraw* mill-pandemija. Se tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu attivati aktar nies għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dawk barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ (NEETs), *u jiġu pprovduti inċentivi u tqabbil aħjar ta' impjegi ta' kwalità għannisa u għaż-żgħażaġh, kif ukoll għall-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, għall-persuni b'diżabilità, persuni bi sfond ta' migrazzjoni u nies li jgħixu f'żoni remoti u fir-reġjuni ultraperiferiċi.*

## Emenda 45

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a.** *Tippromwovi aktar mobbiltà tal-ħaddiema fl-Unjoni fl-ambitu tal-programmi ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-istudenti, l-apprendisti, l-għalliema u min iħarreġ, filwaqt li timmira għal rikonoxximent aħjar tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba matul perjodi ta' mobbiltà.*

## Emenda 46

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b.** *Tippromwovi traineeships, internships u apprendistati mħallsa, meta ma jkunux relatati mal-kisba ta' kwalifiki edukattivi sabiex jiġu evitati Prattiki ta' sfruttament u ksur tad-drittijiet, filwaqt li jiġi żgurati li ż-żgħażaġh jirċievu*

*esperjenzi ta' kwalità b'rabta mal-ewwel xogħol, abbażi ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, opportunitajiet għat-titjib tal-ħiliet u għal kwalifiki jew kredenzjali ġodda.*

#### Emenda 47

##### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. ***Tigbed*** persuni minn pajjiżi terzi bil-ħiliet meħtieġa mill-Unjoni, inkluż billi ***jissaħħu*** l-opportunitajiet ta' ***tagħlim*** u ***l-mobbiltà***, u billi ***jiġi ffaċilitat ir-rikonossiment*** tal-kwalifiki.

*Emenda*

4. ***Tattira*** persuni minn pajjiżi terzi bil-ħiliet meħtieġa mill-Unjoni ***u tippromwovi l-mobbiltà fl-Unjoni***, inkluż billi ***ssaħħaħ*** l-opportunitajiet ta' ***apprendiment, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet***, u billi ***tiffaċilita r-rikonossiment*** tal-kwalifiki.

#### Emenda 48

##### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

4a. ***Tippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fil-livell tal-kumpaniji biex jiġu attirati u jinżammu ħaddiema tas-sengħa.***

*Emenda*

#### Emenda 49

##### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

4b. ***Tippromwovi appoġġ u soluzzjonijiet għall-persuni li ma jistgħux iġeddu jew itejbu l-ħiliet sabiex jiġi żgurati li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.***

*Emenda*

#### Emenda 50



**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-miżuri **li għandhom jittieħdu *sabiex*** jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 2 għandhom ***jinkludu l-attivitajiet*** li ġejjin fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali jew lokali u, fejn rilevanti, f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, marbutin mal-oġġettivi tas-Sena Ewropea:

*Emenda*

1. Il-miżuri ***biex*** jintlaħqu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 2 għandhom ***jiġu implimentati permezz tal-attivitajiet*** li ġejjin fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali jew lokali u, fejn rilevanti, f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, marbutin mal-oġġettivi tas-Sena Ewropea:

**Emenda 51**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) konferenzi, diskussjonijiet f'forum u avvenimenti ulterjuri biex jiġi promoss id-dibattitu dwar ir-rwol u l-kontribut tal-politiki dwar il-ħiliet biex ***jinkiseb*** tkabbir ekonomiku kompetittiv, ***sostenibbli*** u ***ekwu*** fid-dawl tat-tibdil demografiku, u biex jiġu mobilizzati l-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiġi żgurat li l-aċċess ***għat-taħriġ*** ikun realtà fil-prattika;

*Emenda*

(a) konferenzi ***online u fil-post***, diskussjonijiet f'forum u avvenimenti ulterjuri biex jiġi promoss id-dibattitu dwar ir-rwol u l-kontribut tal-politiki dwar il-ħiliet biex ***jinkisbu ċittadinanza attiva għal demokrazija reżiljenti kif ukoll*** tkabbir ekonomiku kompetittiv u ***sostenibbli*** fid-dawl tat-tibdil demografiku ***u tat-tixjiħ attiv abbażi ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, benesseri mentali u inklużjoni***, u biex jiġu mobilizzati l-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiġi żgurat li l-aċċess ***għall-opportunitajiet ta' taħriġ, edukazzjoni u apprendiment*** ikun realtà fil-prattika;

**Emenda 52**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) inizjattivi mmirati inter alia lejn individwi, ***kumpaniji***, kmamar tal-

*Emenda*

(c) inizjattivi mmirati inter alia lejn individwi, ***impjegaturi, b'mod partikolari***

kummerċ u tal-industrija, sħab soċjali, awtoritajiet pubbliċi, fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jippromwovu l-forniment, il-finanzjament u l-adozzjoni ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid;

***l-SMEs***, kmamar tal-kummerċ u tal-industrija, sħab soċjali, awtoritajiet pubbliċi ***fil-livelli kollha kif ukoll*** fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jippromwovu l-forniment, il-finanzjament u l-adozzjoni ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid ***u biex jimmassimizzaw l-benefiċċji u l-potenzjal ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati;***

### Emenda 53

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) ***kampanji ta'*** informazzjoni, ***ta' komunikazzjoni*** u ta' sensibilizzazzjoni dwar l-inizjattivi tal-UE għat-titjib tal-ħiliet u ***t-taħriġ*** mill-ġdid, il-promozzjoni tal-implimentazzjoni u t-tweqqi tagħhom fil-prattika kif ukoll l-adozzjoni tagħhom minn benefiċjarji potenzjali;

*Emenda*

(d) informazzjoni, ***komunikazzjoni komprensiva u kampanji*** ta' sensibilizzazzjoni ***bl-involvement attiv tan-nies*** dwar l-inizjattivi tal-UE ***għall-apprendiment tul il-ħajja***, għat-titjib tal-ħiliet u ***għat-taħriġ*** mill-ġdid, il-promozzjoni tal-implimentazzjoni u t-tweqqi tagħhom fil-prattika kif ukoll l-adozzjoni tagħhom minn benefiċjarji potenzjali;

### Emenda 54

#### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) żieda fid-djalogu ***fi gruppi u networks*** eżistenti tal-partijiet ikkonċernati, anke permezz ta' pjattaformi online ***stabbiliti***;

*Emenda*

(e) żieda fid-djalogu ***mas-sħab soċjali Ewropej, il-gruppi u n-networks*** eżistenti tal-partijiet ikkonċernati, ***inklużi l-kumitati ta' djalogu soċjali settorjali tal-Unjoni u l-kumitati konsultattivi tripartitiċi***, anke permezz ta' pjattaformi online, ***fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn is-sħab soċjali transsettorjali u settorjali;***

## Emenda 55

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ea) spinta, fil-kuntest tas-Sena Ewropea, b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' fora tal-partijiet ikkonċernati konnessi mal-avvenimenti ewlenin marbuta mas-Sena Ewropea, biex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tfassil tal-politika meta jitqies l-għarfien espert tagħhom fil-prattika, il-kapaċità tagħhom li jesprimu l-ħtiġijiet ta' min ikun qed jitgħallem u r-rabta mill-qrib tagħhom ma' awtoritajiet nazzjonali u reġjonali differenti responsabbli għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ;*

## Emenda 56

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(eb) appoġġ għad-djalogu soċjali, in-negożjar kollettiv u r-rwol tas-sħab soċjali fit-tfassil ta' strateġiji u taħriġ ta' ħiliet nazzjonali, settorjali u speċifiċi għall-kumpaniji;*

## Emenda 57

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(f) implimentazzjoni u żvilupp skont kif ikun meħtieġ ta' aktar għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet, filwaqt li **jiġu promossi** u **jixxerrdu** l-applikazzjoni

(f) implimentazzjoni u żvilupp skont kif ikun meħtieġ ta' aktar għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet, filwaqt li **tiġi promossa** u **mxerrda** l-applikazzjoni

tagħhom fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet attwali u futuri, b'mod partikolari dawk marbuta **mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali**, mas-setturi ewlenin li jeħtieġu rkupru mill-pandemija, mal-kriżi tal-enerġija u mal-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna;

tagħhom fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ħiliet attwali u futuri, b'mod partikolari dawk marbuta **mat-tranżizzjoni ġusta**, mas-setturi ewlenin li jeħtieġu rkupru mill-pandemija, mal-kriżi tal-enerġija u mal-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna;

## Emenda 58

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) promozzjoni ta' għodod u **ta'** strumenti għal aktar trasparenza tal-kwalifiki, inklużi **kwalifiki miksuba** barra mill-Unjoni;

*Emenda*

(g) promozzjoni **u implimentazzjoni ulterjuri** ta' għodod u strumenti għal aktar trasparenza tal-kwalifiki, inklużi **l-kwalifiki mogħtija** barra mill-Unjoni, **inkluż it-titjib tas-sistemi ta' validazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku awtomatiku, il-validazzjoni, u ċ-ċertifikazzjoni ta' dawk il-kwalifiki, u tal-ħiliet miksuba f'ambjenti mhux formali jew informali;**

## Emenda 59

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ga) **preferenza għal tfassil ta' politika dwar il-ħiliet biex jinkiseb impatt konkret fuq ħajjet iż-żgħażaġh u l-anzjani, biex b'hekk ikunu jistgħu jagħrfu lilhom infushom aħjar f'Unjoni li tieħu ħsieb il-futur tagħhom matul is-Sena tal-Ħiliet.**

*Emenda*

## Emenda 60

### Proposta għal deċiżjoni

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) promozzjoni ta' programmi, ta'

*Emenda*

(h) promozzjoni ta' programmi, ta'

opportunitajiet ta' finanzjament, ta' proġetti, ta' azzjonijiet u networks ta' rilevanza għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi, privati u mhux governattivi, involuti fit-tfassil, fit-tixrid u fl-implimentazzjoni ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali;

opportunitajiet ta' finanzjament, ta' proġetti, ta' azzjonijiet u networks ta' rilevanza għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi, privati u mhux governattivi, involuti fit-tfassil, fit-tixrid u fl-implimentazzjoni ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u **ta'** taħriġ mill-ġdid, **apprendiment u edukazzjoni** u taħriġ vokazzjonali;

## Emenda 61

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ħa)** *segwitu għall-miri soċjali għall-2030 maqbula fis-Summit ta' Porto biex jiġi analizzat kif is-Sena Ewropea tista' tikkontribwixxi biex jintlaħqu dawk il-miri;*

## Emenda 62

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(hb)** *żvilupp ta' sett ta' għodod sabiex jiġu appoġġati l-gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari l-persuni b'diżabilità, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni u l-persuni li jgħixu f'żoni remoti u fir-reġjuni ultraperiferiċi;*

## Emenda 63

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt hc (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(hc)** *li kulħadd ikun jista' jikseb u jwettaq il-ħiliet ta' intervent immedjat u kompressjonijiet sempliċi tas-sider u jekk*

*possibbli, anke n-nifs ta'salvataġġ (CPR - Rianimazzjoni KardjoPulmonari) wara arrest kardijaku għal għarrieda, biex aktar nies ikunu jistgħu japplikaw dawk il-ħiliet biex ikopru l-ħin sakemm jaslus-servizzi mediċi ta' emerġenza professjonali fid-dawl tal-fatt li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, appoġġata minn ħafna organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali u mis-sħab soċjali, tirrakkomanda li t-tfal tal-iskola jiġu mgħallma jwettqu r-rianimazzjoni bħala ħila essenzjali mill-iskola primarja sas-sekondarja, u li meta t-tfal tal-iskola jiġu mgħallma jwettqu s-CPR jiżdiedu wkoll ir-reżiljenza u l-impigħiba soċjali pożittiva taċ-ċittadini fl-Unjoni.*

#### **Emenda 64**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt hd (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(hd) l-istabbiliment ta' qafas legali komuni biex tiġi żgurata r-remunerazzjoni għat-traineeships u għall-apprendistati u biex jiġu evitati Prattiki ta' sfruttament.*

#### **Emenda 65**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 4 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Koordinazzjoni fil-livell nazzjonali*

*Koordinazzjoni fl-Istati Membri*

#### **Emenda 66**

**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali u reġjonali għandha tkun responsabilità tal-Istati Membri. Għal dak l-għan, kull Stat Membru għandu jaħtar koordinatur nazzjonali li jista' jirrappreżenta l-fergħat differenti tal-gvern b'mod olistiku. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali u reġjonali.

*Emenda*

L-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni fis-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali u reġjonali għandha tkun responsabilità tal-Istati Membri. Għal dak l-għan, kull Stat Membru għandu jaħtar koordinatur nazzjonali li jista' jirrappreżenta l-fergħat differenti tal-gvern b'mod olistiku. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom jiżguraw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet rilevanti fil-livell nazzjonali, ***reġjonali u lokali. F'dak il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-involvement tas-sħab soċjali, tas-soċjetà ċivili, tal-fornituri tal-apprendiment u tal-edukazzjoni, tal-parlamenti nazzjonali u reġjonali, kif ukoll ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż minn żoni remoti u mir-reġjuni ultraperiferiċi.***

**Emenda 67**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha toqgħod fuq l-għarfien espert u l-assistenza tal-Aġenziji tal-Unjoni rilevanti fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea.

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha toqgħod fuq l-għarfien espert u l-assistenza tal-Aġenziji tal-Unjoni rilevanti fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea, ***b'mod partikolari l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), is-Cedefop, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA).***

**Emenda 68**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 5 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali sabiex tikkoordina l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3. Dawn il-laqgħat għandhom iservu wkoll bħala opportunitajiet sabiex isir skambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni. Ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew **u** l-Aġenziji tal-Unjoni rilevanti jistgħu jipparteċipaw f'dawk il-laqgħat bħala osservaturi.

**Emenda 69**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 5 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mas-sħab soċjali, mal-korpi tas-suq tax-xogħol u mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi attivi fil-qasam tal-ħiliet, biex jassistu fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.

**Emenda 70**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Għall-fini tas-Sena Ewropea, fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, b'mod

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali **matul is-Sena Ewropea**, sabiex tikkoordina l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3. Dawn il-laqgħat għandhom iservu wkoll bħala opportunitajiet sabiex isir skambju tal-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni. Ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti **u s-sħab soċjali Ewropej** jistgħu jipparteċipaw f'dawk il-laqgħat bħala osservaturi.

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha **mill-qrib** mas-sħab soċjali, **mas-soċjetà ċivili, mal-fornituri tal-apprendiment u tal-edukazzjoni**, mal-korpi tas-suq tax-xogħol, **ma' min ikun qed jitgħallem**, u mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi attivi fil-qasam tal-ħiliet, **l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja** biex jassistu fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.

*Emenda*

Għall-fini tas-Sena Ewropea, fejn meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, b'mod



partikolari mal-OECD, mal-UNESCO u **mal-ILO**, filwaqt li tiżgura l-viżibbiltà tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni.

partikolari mal-OECD, mal-Unesco, **mal-ILO** u **mal-organizzazzjonijiet globali tas-sħab soċjali**, filwaqt li tiżgura l-viżibbiltà tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni.

## **Emenda 71**

### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Sal-31 ta' **Diċembru 2024**, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi previsti f'din id-Deċiżjoni.

#### *Emenda*

Sal-31 ta' **Mejju 2025**, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi previsti f'din id-Deċiżjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Wara t-tħabbira mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni fl-14 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-proposta tagħha li tagħmel l-2023 is-Sena Ewropea tal-Ħiliet. Fid-dawl tal-isfidi li l-Ewropa qed tiffaċċja llum, bħall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-pandemija tal-COVID-19, forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati hija tal-akbar importanza biex l-irkupru tal-Ewropa jingħata spinta, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni fid-dinja. Jekk ikollhom il-ħiliet rilevanti, kemm dawk tekniċi kif ukoll dawk personali, in-nies se jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol. Fl-istess ħin, iċ-ċittadinanza attiva se tissaħħaħ. Huwa ta' importanza kruċjali li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Ir-Rapporteur iqis li l-finanzjament u l-appoġġ tekniku tal-UE disponibbli biex jappoġġaw l-investment tal-Istati Membri fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid huma sinifikanti. L-Istati Membri huma mħeġġa jallokaw biżżejjed fondi mill-FSE+, mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, mill-Programmi Ewropa Diġitali, minn Orizzont Ewropa, minn Erasmus+ u minn programmi oħra li jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet.

Barra minn hekk, is-Sena Ewropea tal-Ħiliet taspira li żżid il-momentum biex tispira lill-Universitajiet jallinjaw il-kurrikuli tagħhom mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas fis-suq tax-xogħol u jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli. Fl-Unjoni kollha, l-intrapriżi jirrapportaw diffikultajiet biex isibu impjegaturi bil-ħiliet meħtieġa. It-tixjiħ demografiku huwa mistenni li jiżdied b'rata mgħaġġla tul id-deċennju li ġej, u dan jenfasizza l-ħtieġa li jintużaw bis-sħiħ l-adulti kollha fl-età tax-xogħol. Dan jista' jinkiseb billi jsir investment fl-apprendiment tul il-ħajja u billi jiġu attivati aktar nies, b'mod partikolari n-nisa u ż-żgħażaġh.

Fl-istess ħin, il-Parlament Ewropew jissottolinja l-importanza tal-ħiliet diġitali u li jsir investment fil-promozzjoni ta' ħiliet diġitali, speċjalment għal gruppi li huma aktar esklużi mil-lat diġitali, bħall-persuni bi status soċjoekonomiku baxx u sfond edukattiv limitat, persuni akbar fl-età u persuni li jgħixu f'żoni remoti.

Għall-koordinazzjoni tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 fil-livell tal-Unjoni, is-sinerġiji bejn il-Kummissjoni u l-Aġenziji kompetenti tal-UE, prinċipalment is-Cedefop, l-ENISA u l-ETF huma ta' l-akbar importanza.

Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li l-2023 issir is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u tal-intrapriżi tagħha, tingħata spinta lill-investimenti tal-Ewropa, jiġu promossi l-aspirazzjonijiet tan-nies kif ukoll jiġu attirati t-talenti lejn il-kontinent tagħna. L-impatt u l-legat tal-attivitajiet kollha u l-opportunitajiet ta' involviment relatati mas-Sena Ewropea tal-Ħiliet se jħallu legat dejjiemi li jmur lil hinn mill-2024.

6.12.2022

## ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

Is-Sur Dragoş Pîslaru  
President  
Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali  
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 (COM(2022)0526 – C9-03442022 –  
2022/0326(COD))

Sur President,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni ngħata l-awtorizzazzjoni li jressaq opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tagħhom tal-1 ta' Diċembru 2022, il-koordinaturi ddeċidew li jibagħtu din l-opinjoni fil-forma ta' ittra. Huma kkunsidraw il-kwistjoni u approvaw l-opinjoni f'dik il-laqgħa.

Il-Kumitat CULT adotta s-sett ta' emendi ta' hawn taħt bil-għan l-attivitajiet relatati mas-Sena Ewropea tal-Ħiliet iservu biex jenfasizzaw firxa usa' ta' ħiliet li jirriflettu l-ħtiġijiet tal-kostitwenti tagħna bħala ħaddiema u ċittadini. Dan jiżgura approċċ aktar olistiku għat-tagħlim tul il-ħajja, li jkun ta' benefiċċju għar-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna, u konsegwentement għal ambjent favorevoli għas-swieq tax-xogħol. Nittama li jintlaqgħu favorevolment mill-Kumitat tiegħek.

Dejjem tiegħek,

Sabine Verheyen

## Emenda 1

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Is-sena 2023 għandha tingħażel bħala "Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea").

#### *Emenda*

Is-sena 2023 għandha tingħażel bħala "Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023" **u tibda mid-9 ta' Mejju 2023** (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea").

#### *Ġustifikazzjoni*

*Dan itenni t-talba tal-Kumitat CULT rigward id-data tal-bidu u tat-tmiem tas-Snin Ewropej.*

## Emenda 2

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2, parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

F'konformità mal-prinċipji 1, 4 u 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jikkontribwixxu għall-oġġettivi stabbiliti fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020 u l-miri ewlenin tal-UE stabbiliti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-oġġettiv ġenerali tas-Sena Ewropea għandu jkun li tkompli tippromwovi mentalità ta' **taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet** biex b'hekk tingħata spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji, filwaqt li jiġi rrealizzat il-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi b'mod soċjalment ekwu, inklużiv u ġust. B'mod aktar speċifiku, l-attivitajiet tas-Sena se jippromwovu politiki tal-ħiliet u investimenti biex jiżguraw li ħadd ma jitħalla lura fit-tranżizzjoni doppja u fl-irkupru ekonomiku, u biex jindirizzaw b'mod partikolari n-nuqqas ta' ħaddiema għal forza tax-xoġhol b'ħiliet speċjalizzati aħjar **fl-UE** li tkun kapaċi taħtaf l-

#### *Emenda*

F'konformità mal-prinċipji 1, 4 u 5 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jikkontribwixxu għall-oġġettivi stabbiliti fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020 u l-miri ewlenin tal-UE stabbiliti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-oġġettiv ġenerali tas-Sena Ewropea għandu jkun li tkompli tippromwovi mentalità ta' **taħriġ tul il-ħajja** biex b'hekk **jiġu promossi opportunitajiet għall-iżvilupp personali, tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetajiet Ewropej u** tingħata spinta lill-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji, filwaqt li jiġi rrealizzat il-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi b'mod soċjalment ekwu, inklużiv u ġust. B'mod aktar speċifiku, l-attivitajiet tas-Sena se jippromwovu politiki tal-ħiliet u investimenti biex jiżguraw li **kulħadd jista' jipparteċipa fil-ħajja soċjali u politika u li** ħadd ma jitħalla lura fit-tranżizzjoni doppja

opportunitajiet ta' ***dan il-proċess***, billi:

u fl-irkupru ekonomiku, u biex jindirizzaw b'mod partikolari n-nuqqas ta' ħaddiema għal forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati aħjar ***u l-lakuni fil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex iċ-ċittadini jingħataw is-setgħa f'Unjoni*** li tkun kapaċi taħtaf l-opportunitajiet ta' ***dawn il-proċessi***, billi:

### *Ġustifikazzjoni*

*Dan iwessa' l-udjenja fil-mira u l-firxa ta' ħiliet li jsiru l-fokus tal-attivitajiet matul is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Tippromwovi żieda f'investiment li jkun aktar effettiv u inklużiv fit-taħriġ u fit-titjib tal-ħiliet biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ***tal-forza tax-xogħol Ewropea*** attwali u ***futura*** u biex il-persuni jiġu appoġġati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet bejn impjieg u ieħor, it-tixjiħ attiv, u biex jibbenefikaw mill-opportunitajiet ġodda li ġġib magħha t-trasformazzjoni ekonomika li għaddejja bħalissa.

##### *Emenda*

1. Tippromwovi żieda f'investiment li jkun aktar effettiv u inklużiv ***fit-taħriġ tul il-ħajja inkluż*** fit-taħriġ u fit-titjib tal-ħiliet biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ ***taċ-ċittadini Ewropej*** attwali u ***futuri*** u biex il-persuni jiġu appoġġati fil-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet bejn impjieg u ieħor, it-tixjiħ attiv, ***fil-kisba tal-iżvilupp personali u l-avvanz soċjali***, u biex jibbenefikaw mill-opportunitajiet ġodda li ġġib magħha t-trasformazzjoni ekonomika ***u soċjetali*** li għaddejja bħalissa. ***Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawk l-aktar żvantaġġati.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Dan iwessa' l-udjenja fil-mira u l-firxa ta' ħiliet li jsiru l-fokus tal-attivitajiet matul is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.*

## Emenda 4

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 2 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Issaħħaħ ir-rilevanza tal-ħiliet permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, mas-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi, mal-kumpaniji, mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tiżviluppa approċċi konġunti mal-fergħat kollha tal-gvernijiet.

#### *Emenda*

2. Issaħħaħ ir-rilevanza tal-ħiliet permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, **mal-organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili**, mas-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi, mal-kumpaniji, mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u tiżviluppa approċċi konġunti mal-fergħat kollha tal-gvernijiet.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Dan iżid il-partijiet ikkonċernati li jiddefinixxu r-relevanza tal-ħiliet li jsiru l-fokus tal-attivitajiet matul is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.*

## Emenda 5

### Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) konferenzi, diskussjonijiet f'forum u avvenimenti ulterjuri biex jiġi promoss id-dibattitu dwar ir-rwol u l-kontribut tal-politiki dwar il-ħiliet biex **jinkiseb** tkabbir ekonomiku kompetittiv, sostenibbli u ekwu fid-dawl tat-tibdil demografiku, u biex jiġu mobilizzati l-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiġi żgurat li l-aċċess għat-taħriġ ikun realtà fil-prattika;

#### *Emenda*

(a) konferenzi, diskussjonijiet f'forum u avvenimenti ulterjuri biex jiġi promoss id-dibattitu dwar ir-rwol u l-kontribut tal-politiki dwar il-ħiliet **li jżommu l-ħaddiema tas-sengħa fl-UE**, biex **jinkisbu profiċjenza fil-ħiliet bażiċi, ċittadinanza attiva għal demokrazzi reżiljenti u** tkabbir ekonomiku kompetittiv, sostenibbli u ekwu fid-dawl **tal-isfidi ewlenin, bħal dik** tat-tibdil demografiku, u biex jiġu mobilizzati l-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiġi żgurat li l-aċċess għat-taħriġ ikun realtà fil-prattika;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Dan iwessa' l-ambitu tal-ħiliet li jsiru l-fokus tal-attivitajiet matul is-Sena Ewropea tal-Ħiliet*

*u jindirizzaw il-kwistjoni tal-brain drain.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) promozzjoni ta' għodod u ta' strumenti għal aktar trasparenza tal-kwalifiki, inklużi kwalifiki miksuba barra mill-Unjoni;

*Emenda*

(g) ***kisba awtomatika ta' rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki miksuba fl-UE sal-2025*** u promozzjoni ta' għodod u ta' strumenti għal aktar trasparenza tal-kwalifiki, inklużi kwalifiki miksuba barra mill-Unjoni;

## **Emenda 7**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) promozzjoni ta' programmi, ta' opportunitajiet ta' finanzjament, ta' proġetti, ta' azzjonijiet u networks ta' rilevanza għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi, privati u mhux governattivi, involuti fit-tfassil, fit-tixrid u fl-implimentazzjoni ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali;

*Emenda*

(h) promozzjoni ta' programmi, ta' opportunitajiet ta' finanzjament, ta' proġetti, ta' azzjonijiet u networks ta' rilevanza għall-partijiet ikkonċernati pubbliċi, privati u mhux governattivi, involuti fit-tfassil, fit-tixrid u fl-implimentazzjoni ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet, ***edukazzjoni*** u taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali;

*Ġustifikazzjoni*

*Dan iwessa' l-ambitu tal-ħiliet li jsiru l-fokus tal-attivitajiet matul is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal deċiżjoni**

#### **Artikolu 5 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mas-sħab soċjali, mal-korpi tas-suq tax-xogħol u mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi attivi fil-qasam tal-ħiliet, biex jassistu fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mas-sħab soċjali, **ma' organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, mal-korpi tas-suq tax-xogħol ma' fornituri ta' edukazzjoni formali u nonformali** u mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet jew korpi attivi fil-qasam tal-ħiliet, biex jassistu fl-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea fil-livell tal-Unjoni.

*Ġustifikazzjoni*

*Dan iwessa' l-ispettru ta' dawk li magħhom il-Kummissjoni timpenja ruħha fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet matul is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.*



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023	
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0526 – C9-0344/2022 – 2022/0326(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	13.10.2022	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 20.10.2022	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 20.10.2022	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Loucas Fourlas 9.11.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	12.1.2023	24.1.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	6.2.2023	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 36	–: 2
	0: 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucia Āuriš Nicholsonová, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Irena Joveva, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Sara Matthieu, Max Orville, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pîslaru, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Nikolaj Villumsen, Marianne Vind	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Carmen Avram, Samira Rafaela, Evelyn Regner, Véronique Trillet-Lenoir, Kim Van Sparrentak	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franc Bogovič, Vlad Gheorghe	
<b>Data tat-tressiq</b>	9.2.2023	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

36	+
ECR	Elżbieta Rafalska
PPE	Franc Bogovič, Jarosław Duda, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Dennis Radtke
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Lucia Āuriš Nicholsonová, Vlad Gheorghe, Irena Joveva, Max Orville, Dragoş Pîslaru, Samira Rafaela, Véronique Trillet-Lenoir
S&D	João Albuquerque, Marc Angel, Carmen Avram, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Evelyn Regner, Daniela Rondinelli, Marianne Vind
The Left	Leila Chaibi, Nikolaj Villumsen
Verts/ALE	Sara Matthieu, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri, Kim Van Sparrentak

2	-
ID	Dominique Bilde, Guido Reil

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni